Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/2383

3.11.2026

DIRETTIVA (UE) 2026/2383 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-21 ta' Ottubru 2026

li temenda d-Direttivi 2009/43/KE u 2009/81/KE, fir-rigward tas-simplifikazzjoni tat-trasferimenti intra-UE ta' prodotti relatati mad-difiża u s-simplifikazzjoni tal-akkwist fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 53(1), l-Artikolu 62 u l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz ta' att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [1],

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja [2],

Billi:

(1) L-Unjoni qed tiffaċċja theddida gravi u li kulma jmur qed tikber, kif enfasizzat fil-White Paper Konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tad-19 ta' Marzu 2025 għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030 (il-"White Paper Konġunta"), marbuta b'mod partikolari mar-ritorn ta' kunflitt fuq skala sħiħa fl-Ewropa bil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Biex twieġeb għall-isfidi għas-sigurtà li qed jeskalaw u biex issaħħaħ l-awtonomija u r-reżiljenza strateġiċi tagħha, huwa essenzjali li l-Unjoni tieħu azzjoni deċiżiva biex issaħħaħ il-kapaċitajiet tad-difiża tagħha u tibqa' soda fl-appoġġ tagħha lill-Ukrajna. Aspett kruċjali ta' dan l-isforz huwa l-ħtieġa li tiżdied il-kapaċità tal-Unjoni tal-produzzjoni tal-prodotti tad-difiża fl-Unjoni u li titjieb is-sigurtà tal-provvista tagħha bil-għan li jinkiseb suq Ewropew ġenwin għall-prodotti u s-servizzi relatati mad-difiża, sabiex l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jkunu jistgħu jirrispondu b'mod effettiv għad-domandi emerġenti fir-rigward tas-sigurtà. Hemm ħtieġa urġenti li tiżdied il-prontezza tad-difiża Ewropea ħalli jiġi żgurat li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jkollhom pożizzjonament tad-difiża Ewropew b'saħħtu u suffiċjenti sal-2030.

(2) Sabiex jinkisbu l-għanijiet li tiżdied il-prontezza tad-difiża tal-Istati Membri u tal-Unjoni u li jittejjeb il-funzjonament tas-suq intern, is-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni regolatorji, li jrawmu l-awtonomija strateġika, it-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont tal-Unjoni, huma essenzjali. Billi tissimplifika u tallinja l-oqfsa regolatorji, l-Unjoni tista' toħloq ambjent aktar favorevoli għall-industriji tad-difiża, inkluż għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u għall-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja, biex joperaw, jespandu, iwettqu innovazzjonijiet u jipproduċu l-kapaċitajiet meħtieġa biex jiżguraw il-prontezza tas-sigurtà u tad-difiża tal-Ewropa. Il-White Paper Konġunta ddeskriviet l-objettivi għal din is-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni li għandha impatt fuq il-prontezza tad-difiża.

(3) Sistema ta' trasferiment li tiffunzjona tajjeb għall-prodotti relatati mad-difiża fl-Istati Membri kollha hija prerekwiżit għal suq fl-Unjoni kollha għal tali prodotti. Din se trawwem il-kooperazzjoni intra-UE bejn l-entitajiet ekonomiċi, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka u l-innovaturi li joperaw fil-qasam tad-difiża, filwaqt li ttejjeb it-trasferiment tal-għarfien bejn l-entitajiet mill-Unjoni kollha, tinkoraġġixxi l-innovazzjoni u ssaħħaħ is-suq intern. It-tneħħija tal-ostakli u xkiel bla bżonn se tavvanza l-iżvilupp ta' teknoloġiji fixkiela u proċessi industrijali innovattivi. B'dan il-mod, se tindirizza l-lakuni kritiċi fil-prontezza, filwaqt li trawwem settur Ewropew tad-difiża aktar dinamiku, kompetittiv u aġli.

[1] ĠU C, C/2026/30, 16.1.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2026/30/oj.
[2] Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Settembru 2026 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2026.

(4) It-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża fi ħdan l-Unjoni huma soġġetti għal awtorizzazzjoni minn qabel permezz ta' liċenzji ġenerali, globali jew individwali ta' trasferiment mogħtija jew ippubblikati mill-Istat Membru li mit-territorju tiegħu l-fornitur ikun jixtieq jittrasferixxi prodotti relatati mad-difiża. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw it-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża mill-obbligu ta' awtorizzazzjoni minn qabel fil-każijiet speċifiċi elenkati fid-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]). Fid-dawl tal-iżviluppi fis-sitwazzjoni tas-sigurtà u l-introduzzjoni jew it-tkomplija ta' proġetti tad-difiża kollaborattivi Ewropej bħal dawk fil-qafas tal-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO), li jinkludu l-ħolqien jew ir-rivitalizzazzjoni ta' raggruppamenti reġjonali tal-industrija tad-difiża, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet industrijali lokali, il-promozzjoni tat-trasferiment tat-teknoloġija, is-sinerġiji u l-espansjoni industrijali, u t-tisħiħ tal-ktajjen tal-provvista kritiċi filwaqt li jiġu estiżi l-benefiċċji fl-Istati Membri kollha, il-proġetti ffinanzjati fl-ambitu tal-programmi industrijali tad-difiża tal-Unjoni, il-Proġetti Ewropej għad-Difiża ta' Interess Komuni (EDPCIs) jew il-programmi kooperattivi dwar l-armamenti bejn l-Istati Membri, inkluż taħt Strutturi għall-Programm Ewropew dwar l-Armamenti (SEAPs), li għandhom l-għan b'mod partikolari li jsaħħu l-kooperazzjoni fi ħdan l-Unjoni, jixraq li tiġi estiża l-lista ta' każijiet li fihom l-Istati Membri jistgħu jeżentaw it-trasferimenti minn awtorizzazzjoni minn qabel. L-eżenzjonijiet jistgħu jiffaċilitaw id-disponibbiltà f'waqtha tal-kapaċitajiet u l-kundizzjonijiet prevedibbli għall-industrija, inkluż għall-SMEs u għall-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja, fis-suq intern kollu. B'mod partikolari, jenħtieġ li jkun possibbli għall-Istati Membri li jeżentaw it-trasferimenti meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' proġetti tad-difiża kollaborattivi Ewropej, bħal proġetti fil-qafas ta' PESCO, proġetti ffinanzjati mill-programmi industrijali tad-difiża tal-Unjoni, EDPCIs jew programmi kooperattivi dwar l-armamenti bejn l-Istati Membri, inkluż fl-ambitu ta' SEAPs, it-trasferimenti fil-qafas ta' sħubijiet industrijali strutturati intra-UE, it-trasferimenti lil istituzzjonijiet u korpi tal-Unjoni u lill-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, it-trasferimenti bejn fornituri ċċertifikati u riċevituri ċċertifikati, it-trasferimenti fil-każ ta' urġenza li tirriżulta minn kriżi jew trasferimenti li għandhom l-għan li jipprovdu għajnuna u assistenza skont l-Artikolu 42(7) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u t-trasferimenti marbuta mal-assistenza militari u tad-difiża li jirriżultaw minn azzjonijiet tal-Unjoni skont l-Artikolu 28 tat-TUE.

(5) Meta jitqies li s-sħubijiet industrijali strutturati intra-UE għandhom rwol kruċjali fit-tisħiħ tal-kompetittività, l-innovazzjoni u r-reżiljenza tal-industrija tad-difiża tal-Unjoni billi jrawmu l-kooperazzjoni bejn il-fruntieri nazzjonali fi ħdan l-Unjoni, jenħtieġ li jiġu ffaċilitati t-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża fi sħubijiet ta' dan it-tip. Dan it-tip ta' sħubijiet, ikkaratterizzati mill-istabbiltà tagħhom matul iż-żmien u mill-objettivi kondiviżi, jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' difiża siguri u interoperabbli tal-Unjoni, b'allinjament mal-interessi strateġiċi tal-Unjoni. Sabiex tiġi ffaċilitata l-effiċjenza operazzjonali tagħhom u tiġi żgurata l-flessibbiltà fil-ktajjen tal-provvista, huwa xieraq li tiġi introdotta liċenzja ġenerali ta' trasferiment għat-trasferimenti fil-qafas ta' sħubija industrijali strutturata intra-UE jew li l-Istati Membri jkunu jistgħu jeżentaw tali trasferimenti mill-obbligu ta' awtorizzazzjoni minn qabel. Tali eżenzjonijiet jenħtieġ li jiġu applikati fuq bażi ta' każ b'każ għal każijiet speċifiċi ta' sħubijiet industrijali strutturati intra-UE bħal konsorzju, impriża konġunta jew grupp korporattiv partikolari u jenħtieġ li ma jintużawx bħala esklużjoni ġenerali applikabbli għall-entitajiet kollha involuti fi sħubijiet industrijali strutturati intra-UE. Dan l-approċċ jiżgura li l-Istati Membri jżommu l-viżibbiltà u s-sorveljanza fuq liema entitajiet jibbenefikaw minn tali eżenzjoni, u jippermettilhom jivverifikaw il-konformità mal-kriterji stabbiliti fid-Direttiva 2009/43/KE kif emendata b'din id-Direttiva.

(6) Ix-xenarju tas-sigurtà li qed jevolvi malajr jirrikjedi flessibbiltà addizzjonali li tippermetti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirreaġixxu b'mod immirat u aġli. Barra minn hekk, jixraq li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa, jew fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva proprja, li żżid każijiet ġodda li fihom l-Istati Membri jkunu jistgħu jintroduċu eżenzjonijiet mill-obbligu ta' awtorizzazzjoni minn qabel, u b'hekk jippermettu żieda fil-flessibbiltà u fil-potenzjal ta' trasferimenti intra-UE simplifikati u aċċellerati ta' prodotti relatati mad-difiża.

(7) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament effettiv u effiċjenti tas-sistema ta' trasferimenti intra-UE għall-prodotti relatati mad-difiża, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-fornituri kollha li jixtiequ jittrasferixxu prodotti ta' dan it-tip mit-territorju tagħhom ikunu jistgħu jużaw liċenzji ġenerali ta' trasferiment jew japplikaw għal liċenzji globali jew individwali ta' trasferiment. Kwalunkwe prekundizzjoni imposta mill-Istati Membri jenħtieġ li tkun ibbażata biss fuq kriterji ta' rilevanza diretta għall-kapaċità tal-fornituri li jirrispettaw il-leġiżlazzjoni fil-qasam tat-trasferiment u tal-kontroll tal-esportazzjoni. Jenħtieġ li kriterji bħall-forma jew l-istatus legali tal-fornituri ma jipprevjenux lil xi kategoriji ta' fornituri milli jużaw liċenzji ġenerali ta' trasferiment jew milli japplikaw għal liċenzji globali jew individwali ta' trasferiment.

([3]) Id-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-issimplifikar tat-termini u l-kundizzjonijiet tat-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża fil-Komunità (ĠU L 146, 10.6.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/43/oj).

(8) Huwa xieraq li tiġi introdotta liċenzja ġenerali ta' trasferiment għat-trasferimenti bejn fornituri ċċertifikati u riċevituri ċċertifikati. Sabiex tkompli titrawwem il-kooperazzjoni bejn dawk l-impriżi u l-integrazzjoni tagħhom, jenħtieġ li tali liċenzja ġenerali ta' trasferiment tkopri aktar prodotti relatati mad-difiża mil-liċenzji ġenerali ta' trasferiment eżistenti għat-trasferimenti lil riċevituri ċċertifikati. L-impriżi ċċertifikati wrew kapaċità qawwija li jikkonformaw mar-regoli relatati mat-trasferiment u mal-kontroll tal-esportazzjoni u ġarrew ukoll kostijiet importanti biex jiksbu ċ-ċertifikazzjoni. Jenħtieġ li jitħallew jibbenefikaw minn possibbiltajiet simplifikati u inqas ta' piż biex iwettqu trasferimenti intra-UE. Bħala konsegwenza tal-introduzzjoni ta' dan it-tip ta' liċenzja ġenerali ta' trasferiment, l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2009/43/KE jenħtieġ li jiġi emendat biex iqis iċ-ċertifikazzjoni tal-forniturі.

(9) Kif stipulat fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2009/43/KE, dik id-Direttiva ma taffettwax id-diskrezzjoni tal-Istati Membri fir-rigward tal-politika dwar l-esportazzjoni ta' prodotti relatati mad-difiża.

(10) Id-Direttiva 2009/43/KE tipprevedi li l-Istati Membri jistgħu jintroduċu liċenzji ġenerali ta' trasferiment apparti dawk elenkati fl-Artikolu 5(2) ta' dik id-Direttiva. Madankollu, dik il-possibbiltà tista' tiġi mxekkla minn regoli nazzjonali li jillimitaw il-flessibbiltà u l-kapaċità tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li jieħdu vantaġġ sħiħ mill-istrumenti introdotti mid-Direttiva 2009/43/KE. Pereżempju, tipi addizzjonali ta' liċenzji ġenerali ta' trasferiment jistgħu jikkonċernaw trasferimenti neċessarji għall-implimentazzjoni ta' proġetti ffinanzjati minn programmi industrijali tad-difiża tal-Unjoni, trasferimenti intragrupp jew trasferimenti fil-każ ta' urġenza li tirriżulta minn kriżi. Permezz ta' użu akbar tal-liċenzji ġenerali ta' trasferiment, l-Istati Membri jikkontribwixxu għall-funzjonament xieraq u għall-integrazzjoni ulterjuri tas-suq Ewropew tad-difiża madwar l-Unjoni, inkluż l-aċċess transfruntier intra-UE għall-ktajjen tal-provvista tad-difiża, speċjalment għall-SMEs u għall-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja. Għalhekk, jixraq li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jippermettu, fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom, l-introduzzjoni ta' liċenzji ġenerali ta' trasferiment minbarra dawk elenkati fl-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2009/43/KE.

(11) L-implimentazzjoni tal-programmi industrijali tad-difiża tal-Unjoni, bħall-Fond Ewropew għad-Difiża (EDF), spiss tiġi mxekkla minn dewmien sinifikanti fit-trasferiment ta' prodotti relatati mad-difiża, minħabba l-proċessi twal u kumplessi biex jinkisbu liċenzji ta' trasferiment mill-Istati Membri. L-SMEs b'mod partikolari huma milquta b'mod sproporzjonat minn dak id-dewmien, li jfisser li jsofru żvantaġġi kompetittivi meta mqabbla ma' parteċipanti akbar fis-suq. Dak id-dewmien għandu impatt detrimentali fuq l-effiċjenza u l-effettività ġenerali ta' dawk il-programmi u jista' jimmina l-kapaċità tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha li jiżviluppaw u jiksbu l-kapaċitajiet tad-difiża li jeħtieġu fil-waqt u b'mod kosteffettiv. Għaldaqstant huwa meħtieġ li jiġu introdotti liċenzji ġenerali ta' trasferiment għal dawk il-programmi. L-ambitu ta' dawk il-liċenzji ġenerali ta' trasferiment jenħtieġ li japplika għat-trasferimenti kollha, kemm tanġibbli kif ukoll intanġibbli, li l-fornitur jeħtieġ li jwettaq biex jimplimenta l-proġett u safejn ikun possibbli tul il-katina tal-provvista kollha. Dawk il-liċenzji ġenerali ta' trasferiment jenħtieġ li jkopru l-prodotti relatati mad-difiża stabbiliti fl-Anness tad-Direttiva 2009/43/KE u jenħtieġ li japplikaw biss għat-trasferimenti meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' proġetti speċifiċi. Dawk il-liċenzji ġenerali ta' trasferiment jenħtieġ li jkopru biss it-trasferimenti intra-UE ta' prodotti relatati mad-difiża. Meta entità stabbilita f'pajjiż terz tipparteċipa wkoll fi proġett iffinanzjat minn programm industrijali tad-difiża tal-Unjoni, il-kontroll tal-esportazzjonijiet lejn tali entità ta' pajjiż terz jenħtieġ li ma jiġix influwenzat mid-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva u jenħtieġ li jibqa' soġġett għall-politika tal-Istati Membri dwar il-kontroll tal-esportazzjonijiet. L-Istati Membri jenħtieġ li, safejn ikun possibbli, jipprevedu wkoll li tali liċenzji jistgħu japplikaw għaċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-prodott żviluppat fi proġett partikolari, inklużi l-fażijiet tal-produzzjoni, tal-manutenzjoni u tal-aġġornament. L-introduzzjoni ta' tali liċenzji ġenerali ta' trasferiment tnaqqas id-dewmien, iżżid l-effiċjenza u tiffaċilita l-kollaborazzjoni bejn l-impriżi li jipparteċipaw f'dawk il-proġetti, u b'hekk tappoġġa l-iżvilupp ta' industrija tad-difiża tal-Unjoni b'saħħitha u kompetittiva. It-terminoloġija użata f'dak il-kuntest jenħtieġ li tinftiehem li hija identika għal dik ta' mudell ta' ftehim ta' għotja għall-programmi ta' difiża tal-Unjoni.

(12) Barra minn hekk, filwaqt li titqies l-evoluzzjoni teknoloġika, huwa neċessarju li r-rekwiżiti dwar l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-fornituri ta' prodotti relatati mad-difiża jiġu adattati, peress li d-dispożizzjonijiet kurrenti jistgħu jkunu ta' piż f'każijiet ta' trasferimenti mhux tanġibbli tas-software u t-teknoloġija. Jixraq li l-fornituri jingħataw il-flessibbiltà meħtieġa filwaqt li jinżammu l-obbligu ta' rendikont, it-trasparenza u l-kontroll, sabiex jiġi ffaċilitat it-trasferiment effiċjenti u effettiv tal-prodotti tad-difiża fl-Unjoni. Il-ħtieġa għall-modifika ta' dawk ir-rekwiżiti għal trasferimenti mhux tanġibbli ta' software u teknoloġija tirrikjedi valutazzjoni każ b'każ. Għalhekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li dawk ir-rekwiżiti ma jkunux sproporzjonati għall-forniturі. Dawk ir-rekwiżiti jenħtieġ li jkunu proporzjonati għall-objettivi ta' kontroll tal-Istati Membri u adattati kif meħtieġ għall-monitoraġġ tal-attività ta' trasferiment mingħajr ma jiġu imposti obbligi mhux dovuti fuq il-forniturі.

(13) Sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni bejn l-impriżi fi ħdan l-Unjoni, jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) fir-rigward tal-emendar tal-lista ta' trasferimenti li jistgħu jiġu eżentati mill-obbligu ta' awtorizzazzjoni minn qabel, sabiex tinkludi każijiet fejn it-trasferimenti jkunu meħtieġa għall-kooperazzjoni intra-UE. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ([4]). B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

(14) Sa fejn din id-Direttiva temenda d-Direttiva 2009/43/KE, il-bażi legali xierqa, sa fejn huma kkonċernati dawk l-emendi, hija l-Artikolu 114 tat-TFUE.

(15) Sabiex jiġu żviluppati l-kapaċitajiet u l-prontezza militari neċessarji biex tiġi skoraġġuta b'mod kredibbli l-aggressjoni armata u tissaħħaħ is-sigurtà u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni, hija meħtieġa żieda sinifikanti fl-investiment Ewropew fid-difiża. Abbażi tal-projezzjonijiet tal-adozzjoni gradwali, l-investiment fid-difiża jista' jilħaq mill-inqas EUR 800 biljun matul l-erba' snin li ġejjin, u dan jinkludi n-nefqa ffinanzjata permezz tal-EUR 150 biljun mill-Istrument ta' Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE) stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2025/1106 ([5]). Dawk l-investimenti sinifikanti fid-difiża mill-Istati Membri jinvolvu akkwist pubbliku sostanzjali. Sabiex jiġi żgurat li l-infiq miżjud iwassal ukoll għal kapaċitajiet miżjuda, huwa xieraq li jiġu ssimplifikati ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]), li tirregola l-akkwist ta' xogħlijiet, oġġetti u servizzi fil-qasam tad-difiża u tas-sigurtà sensittiva, filwaqt li jinżamm suq tad-difiża li jiffunzjona tajjeb fl-Unjoni kollha. Jenħtieġ li l-Istati Membri jingħataw kemm il-flessibbiltà biex jirrikostitwixxu malajr l-istokkijiet tagħhom kif ukoll il-kapaċità li jagħmlu dan b'mod sostenibbli, u l-aħjar mod kif dan jista' jinkiseb hu billi jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal tas-suq intern. Bis-simplifikazzjoni tar-regoli dwar l-akkwist fil-qasam tad-difiża fl-Unjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom l-aġilità neċessarja biex jirreaġixxu għall-ħtiġijiet emerġenti tas-sigurtà, filwaqt li jiġi promoss ukoll suq tad-difiża Ewropew kompetittiv u integrat biex jappoġġa l-kapaċitajiet ta' difiża fit-tul tagħhom.

(16) Sabiex tinkiseb l-aġilità meħtieġa għal rispons għall-ħtiġijiet tas-sigurtà emerġenti, huwa neċessarju li jiżdiedu l-ammonti ta' limitu għall-kuntratti koperti mid-Direttiva 2009/81/KE. Dak l-aġġustament jippermetti lill-Istati Membri jiffokaw ir-riżorsi tagħhom fuq l-aktar kuntratti kritiċi u jtaffi l-piż amministrattiv fuq l-industrija għal proċeduri ta' akkwist iżgħar, li jista' jgħin biex jitnaqqsu l-kumplessità regolatorja u l-kostijiet assoċjati ma' dawk il-kuntratti, filwaqt li jrawwem ukoll parteċipazzjoni akbar ta' dawk li jidħlu fis-suq, b'mod partikolari l-kumpaniji start-up u l-kumpaniji scale-up, f'opportunitajiet ta' akkwist iżgħar u aktar aċċessibbli. Madankollu, anke meta kuntratt ma jilħaqx l-ammonti ta' limitu, il-prinċipji ġenerali tal-akkwist pubbliku skont id-dritt tal-Unjoni, inklużi t-trasparenza, in-nondiskriminazzjoni u t-trattament ugwali, u l-proporzjonalità jibqgħu applikabbli.

(17) Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jingħataw il-flessibbiltà li jibbenefikaw mill-għodod kollha disponibbli relatati mal-akkwist pubbliku. Sabiex jiżdied l-għadd ta' modi kif l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti jistgħu jwettqu l-akkwist pubbliku, jenħtieġ li tiżdied il-possibbiltà li jintużaw il-proċedura miftuħa u s-sistema dinamika ta' xiri. Dawk iż-żewġ proċeduri huma bbażati fuq dawk previsti fid-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]). Huwa importanti li l-awtoritajiet/ entitajiet kontraenti jużaw aktar kriterji ta' kwalità-prezz kull meta jkun possibbli meta jużaw sistema dinamika ta' xiri.

([4]) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2016/512/oj.

([5]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2025/1106 tas-27 ta' Mejju 2025 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE) permezz tat-Tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża (ĠU L, 2025/1106, 28.5.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2025/1106/oj).

([6]) Id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttiva 2004/17/KE u d-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 216, 20.8.2009, p. 76, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/81/oj).

([7]) Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/24/oj).

(18) Teżisti ħtieġa urġenti li l-Unjoni timmobilizza l-kapaċità ġenerali tagħha għall-innovazzjoni u tidderieġi l-investimenti sinifikanti biex terġa' tikseb vantaġġ, sabiex tipprevjeni li tkun teknoloġikament dipendenti. Id-Direttiva 2009/81/KE jenħtieġ li tiġi adattata wkoll biex tappoġġa aħjar l-akkwist tal-innovazzjoni, ħalli jiġi żgurat li l-investimenti sinifikanti magħmula mill-Istati Membri biex iżidu l-prontezza tad-difiża tagħhom jibqgħu validi fil-futur u jrendu benefiċċji fit-tul. Billi tiffaċilita l-akkwist ta' soluzzjonijiet innovattivi tad-difiża, l-Unjoni tista' tħeġġeġ l-iżvilupp ta' teknoloġiji u kapaċitajiet mill-aktar avvanzati, u fl-aħħar mill-aħħar tittrasforma d-difiża permezz ta' innovazzjoni fixkiela u ssaħħaħ l-effettività u r-reżiljenza tas-sistemi tad-difiża tagħha. Sabiex jiġi appoġġat aħjar l-akkwist tar-riċerka u l-iżvilupp u ta' soluzzjonijiet innovattivi, jenħtieġ li fid-Direttiva 2009/81/KE tiġi introdotta proċedura ta' sħubija għall-innovazzjoni modifikata u aktar flessibbli abbażi tad-Direttiva 2014/24/UE.

(19) Id-Direttiva 2009/81/KE tistabbilixxi regoli speċifiċi applikabbli f'sitwazzjonijiet ta' urġenza li jirriżultaw minn kriżi, bħal perjodi mqassra għall-preżentazzjoni ta' offerti u l-possibbiltà li tintuża l-proċedura nnegozjata mingħajr pubblikazzjoni minn qabel ta' avviż dwar kuntratt. F'dak il-kuntest, huwa importanti li tiġi sottolinjata n-natura dinamika tat-terminu "kriżi", biex jiġi ċċarat li dan jinkludi sitwazzjonijiet ta' emerġenza li jirriżultaw mill-evoluzzjoni ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi fit-tul, inkluż l-iżvilupp tas-sitwazzjoni ġeopolitika. Id-definizzjoni ta' kriżi skont l-Artikolu 1, il-punt (10), tad-Direttiva 2009/81/KE tirrikonoxxi li kriżi tista' tippersisti u tevolvi maż-żmien, lil hinn mill-avveniment dannuż li skattaha.

(20) Hemm ħtieġa ta' aktar investiment kollaborattiv u investiment aħjar, mir-riċerka sal-iżvilupp ta' sistemi kumplessi, permezz tal-kummerċjalizzazzjoni sal-akkwist, bil-għan li tiżdied is-sovranità teknoloġika tal-Unjoni. L-akkwist komuni mill-Istati Membri huwa kruċjali biex jittejbu l-effiċjenza, l-effettività u l-interoperabbiltà tal-kapaċitajiet tad-difiża, u b'hekk jikkontribwixxi għal difiża Ewropea aktar b'saħħitha u aktar koeżiva. Abbażi tal-Avviż tal-Kummissjoni tal-2019 dwar il-gwida għall-akkwist kooperattiv fl-oqsma tad-difiża u tas-sigurtà ([8]), huwa neċessarju li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet relatati mas-sħubija tal-Istati Membri fi programmi kooperattivi bbażati fuq ir-riċerka u l-iżvilupp wara t-tmiem tal-fażi tar-riċerka u l-iżvilupp għall-fażijiet aktar tard fiċ-ċiklu tal-ħajja. Barra minn hekk, u sabiex jiġu appoġġati l-fażijiet sussegwenti fiċ-ċiklu tal-ħajja tal-programmi ta' riċerka u żvilupp dwar id-difiża ffinanzjati mill-Unjoni, huwa neċessarju li jiġi ċċarat li l-Istati Membri jistgħu jibbenefikaw mill-esklużjoni għal programmi kooperattivi bbażati fuq ir-riċerka u l-iżvilupp taħt l-istess kundizzjonijiet anke għal proġetti ffinanzjati minn programmi ta' riċerka u żvilupp dwar id-difiża, bħall-EDF. Dan jipprovdi ċ-ċertezza legali neċessarja u jiżgura li l-flessibbiltà permessa permezz tal-esklużjoni tappoġġa l-kontinwazzjoni tal-proġetti tal-EDF f'qafas kooperattiv anke wara t-tlestija tal-fażi tar-riċerka u l-iżvilupp. Barra minn hekk, dan jiċċara l-fatt li l-Istati Membri li jissieħbu wara l-fażi tar-riċerka u l-iżvilupp bħala parteċipanti ġenwini fil-programm kooperattiv ukoll jibbenefikaw mill-esklużjoni.

(21) Sabiex jiġi appoġġat aktar l-akkwist komuni u tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, huwa neċessarju li d-Direttiva 2009/81/KE tiġi emendata biex jiġu stabbiliti regoli dwar l-akkwist li jinvolvi awtoritajiet/entitajiet kontraenti minn Stati Membri differenti.

(22) Sabiex ikunu jistgħu jirrispondu malajr u b'mod koordinat għall-isfidi emerġenti tas-sigurtà, l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti jistgħu jippermettu lill-kontropartijiet minn Stati Membri oħra jissieħbu fi ftehim qafas eżistenti matul it-terminu tiegħu anke jekk il-ftehim qafas ma jipprevedix tali għażla, kif previst fir-Regolament (UE) 2025/2643 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]). Dan itejjeb l-effiċjenza, jipprevjeni d-duplikazzjoni tal-proċeduri u jippromwovi l-kooperazzjoni transfruntiera, l-interoperabbiltà u l-ekonomiji ta' skala.

([8]) Avviż tal-Kummissjoni dwar il-gwida għall-akkwist kooperattiv fl-oqsma tad-difiża u tas-sigurtà (id-Direttiva dwar l-Akkwisti fl-Oqsma tad-Difiża u tas-Sigurtà 2009/81/KE) (ĠU C 157, 8.5.2019, p. 1).

([9]) Ir-Regolament (UE) 2025/2643 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2025 li jistabbilixxi l-Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea u qafas ta' miżuri biex jiġu żgurati d-disponibbiltà u l-provvista f'waqthom ta' prodotti tad-difiża ("ir-Regolament EDIP") (ĠU L, 2025/2643, 29.12.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2025/2643/oj).

(23) Sabiex l-Istati Membri jingħataw aktar prevedibbiltà u stabbiltà fl-ippjanar tagħhom tal-akkwist fil-qasam tad-difiża, huwa neċessarju li jiġu mmodifikati r-regoli li jirregolaw il-ftehimiet qafas. Biex jiġu riflessi l-ispeċifiċitajiet tas-settur tad-difiża, huwa neċessarju li d-durata massima possibbli tal-ftehimiet qafas tiġi estiża għal 10 snin, u dan jippermetti lill-Istati Membri jistabbilixxu sħubijiet aktar fit-tul mal-industrija u jippjanaw il-ħtiġijiet tal-akkwist fil-qasam tad-difiża tagħhom b'aktar ċertezza, filwaqt li jiżgura wkoll li r-regoli tal-Unjoni dwar l-akkwist fil-qasam tad-difiża jibqgħu flessibbli u adattati għall-ħtiġijiet speċifiċi tas-settur tad-difiża.

(24) Id-Direttiva 2009/81/KE jenħtieġ li tirrifletti wkoll il-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u tallinja mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/24/UE dwar il-modifika tal-kuntratti. B'mod partikolari, ir-regoli dwar il-modifika tal-ftehim qafas jenħtieġ li jiġu applikati bl-istess mod fid-Direttiva 2009/81/KE bħal fid-Direttiva 2014/24/UE.

(25) Meta jkun possibbli, l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti jenħtieġ li jistrutturaw il-ftehimiet qafas, sistemi dinamiċi ta' xiri u s-sħubijiet għall-innovazzjoni b'mod li jiffaċilita l-parteċipazzjoni tal-SMEs, inkluż permezz tal-użu ta' lottijiet, kriterji tal-għażla proporzjonati, u speċifikazzjonijiet tekniċi mhux diskriminatorji bħall-aċċess ta' forniturи tat-teknoloġija b'użu doppju u kumpaniji li joperaw kemm fis-settur ċivili kif ukoll f'dak tad-difiża, inklużi l-kumpaniji innovattivi lokali u operaturi minn Stati Membri iżgħar b'industriji li qed jiżviluppaw.

(26) Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-Istati Membri, xi obbligi ta' rapportar statistiku b'rabta mal-akkwist fil-qasam tad-difiża jenħtieġ li jiġu sospiżi temporanjament biex l-awtoritajiet nazzjonali jkunu jistgħu jiffokaw fuq l-implimentazzjoni tal-politiki tad-difiża tagħhom u l-użu effiċjenti tar-riżorsi tagħhom, filwaqt li ma jipperikolawx it-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont.

(27) Sa fejn din id-Direttiva temenda d-Direttiva 2009/81/KE, il-bażi legali xierqa f'dak li jirrigwarda dawk l-emendi hija l-Artikolu 53(1), l-Artikolu 62 u l-Artikolu 114 tat-TFUE.

(28) Minħabba li l-objettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri s-simplifikazzjoni tar-regoli applikabbli għat-trasferiment intra-UE ta' prodotti relatati mad-difiża u għall-akkwist ta' kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri minħabba n-natura transfruntiera tat-trasferimenti u l-akkwist relatati mad-difiża, iżda jistgħu pjuttost jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-TUE. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-objettivi.

(29) Għalhekk, id-Direttivi 2009/43/KE u 2009/81/KE jenħtieġ li jiġu emendati kif xieraq,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Emendi għad-Direttiva 2009/43/KE

Id-Direttiva 2009/43/KE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 3, jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"8. 'kriżi' tfisser kriżi kif definita fl-Artikolu 1, il-punt (10), tad-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*);

9. ‘sħubija industrijali strutturata intra-UE’ tfisser arranġament ta’ kollaborazzjoni stabbli u dejjiemi bejn żewġ entitajiet jew aktar stabbiliti fi Stati Membri differenti, fejn tali entitajiet jiffurmaw parti minn grupp korporattiv komuni, konsorzju, impriża konġunta, jew entità strutturata b’mod simili oħra, u jkunu involuti b’mod konġunt fid-disinn, l-iżvilupp, il-produzzjoni, l-assemblaġġ, il-forniment, il-kummerċjalizzazzjoni jew l-appoġġ tul iċ-ċiklu tal-ħajja ta’ prodott relatat mad-difiża.”

(*) Id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta’ ċerti kuntratti ta’ xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttiva 2004/17/KE u d-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 216, 20.8.2009, p. 76, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/81/oj).”;

(2) fl-Artikolu 4, il-paragrafi 2, 3 u 4 huma sostitwiti b’dan li ġej:

“2. Minkejja l-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jeżentaw it-trasferimenti ta’ prodotti relatati mad-difiża mill-obbligu ta’ awtorizzazzjoni minn qabel stabbilit f’dak il-paragrafu f’wieħed jew aktar mill-każijiet li ġejjin:

(a) il-fornitur jew ir-riċevitur huwa korp governattiv jew parti mill-forzi armati;

(aa) ir-riċevitur huwa istituzzjoni jew korp tal-Unjoni, jew l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża;

(b) il-provvisti jsiru mill-Unjoni, in-NATO, l-IAEA jew organizzazzjonijiet intergovernattivi oħra għat-twettiq tal-kompiti tagħhom;

(ba) ir-riċevitur u l-fornitur huma impriżi ċċertifikati f’konformità mal-Artikolu 9;

(c) it-trasferiment huwa meħtieġ għall-implimentazzjoni ta’ programm kooperattiv dwar l-armamenti bejn l-Istati Membri, inkluż proġetti fil-qafas tal-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO), Strutturi għall-Programm Ewropew dwar l-Armamenti (SEAPs) u Proġetti Ewropej għad-Difiża ta’ Interess Komuni (EDPCIs);

(ca) it-trasferiment huwa meħtieġ għall-implimentazzjoni ta’ proġett iffinanzjat minn programm industrijali tad-difiża tal-Unjoni;

(cb) it-trasferiment isir fil-qafas ta’ sħubija industrijali strutturata intra-UE;

(cc) it-trasferiment isir fil-każ ta’ urġenza li tirriżulta minn kriżi;

(cd) it-trasferiment għandu l-għan li jipprovdi għajnuna u assistenza skont l-Artikolu 42(7) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE);

(d) it-trasferiment huwa marbut ma’ għajnuna umanitarja f’każ ta’ diżastru jew huwa donazzjoni f’każ ta’ emerġenza;

(da) it-trasferiment huwa marbut ma’ assistenza militari u tad-difiża li tirriżulta minn azzjonijiet tal-Unjoni skont l-Artikolu 28 tat-TUE fejn il-Kunsill jiddeċiedi b’mod unanimu, skont l-Artikolu 41(2) tat-TUE;

(e) it-trasferiment huwa meħtieġ għal tiswija, manutenzjoni, wiri jew demonstrazzjoni, jew wara tiswija, manutenzjoni, wiri jew demonstrazzjoni;

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati biex tissupplimenta din id-Direttiva skont l-Artikolu 13a, fuq it-talba ta' Stat Membru jew fuq l-inizjattiva tagħha, li jemendaw il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, sabiex jiġu inklużi kwalunkwe wieħed mill-każijiet addizzjonali li ġejjin:

(a) it-trasferiment isir taħt kundizzjonijiet li ma jaffettwawx l-ordni pubbliku jew is-sigurtà pubblika;

(b) l-obbligu ta' awtorizzazzjoni minn qabel sar inkompatibbli mal-impenji internazzjonali tal-Istati Membri wara l-adozzjoni ta' din id-Direttiva;

(c) it-trasferiment huwa meħtieġ għall-kooperazzjoni intergovernattiva, kif imsemmi fl-Artikolu 1(4);

(d) it-trasferiment huwa meħtieġ għall-kooperazzjoni intra-UE.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-forniturili jixtiequ jittrasferixxu prodotti relatati mad-difiża mit-territorju tagħhom ikunu jistgħu jużaw liċenzji ġenerali ta' trasferiment jew japplikaw għal liċenzji globali jew individwali ta' trasferiment skont l-Artikoli 5, 6 u 7. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8, ma għandhomx jiġu imposti prekundizzjonijiet li jkollhom l-effett li jipprevjenu lill-forniturili milli jużaw liċenzji ġenerali ta' trasferiment jew japplikaw għal liċenzji globali jew individwali ta' trasferiment, abbażi ta' kriterji li mhumiex marbuta mal-kapaċità tagħhom li jwettqu l-obbligi tagħhom fl-oqsma tal-kontroll tat-trasferimenti u tal-esportazzjonijiet.";

(3) l-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) jiddaħħal il-punt li ġej:

"(ba) ir-riċevitur u l-fornitur ikunu impriżi ċċertifikati f'konformità mal-Artikolu 9;";

(ii) jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(e) il-pubblikazzjoni tkun meħtieġa mill-Artikolu 5a;

(f) il-pubblikazzjoni tkun meħtieġa mill-Artikolu 5b.";

(iii) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Il-liċenzja ġenerali ta' trasferiment imsemmija fil-punt (ba) tal-ewwel subparagrafu għandha tapplika mill-anqas għall-prodotti relatati mad-difiża koperti mil-liċenzja ġenerali ta' trasferiment imsemmija fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"2a. Fil-leġiżlazzjoni tagħhom, l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-possibbiltà li jiġu introdotti liċenzji ġenerali ta' trasferiment minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 5(2).";

(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-Istati Membri parteċipanti fi programm ta' kooperazzjoni intergovernattiva bħal proġetti PESCO, SEAPs u EDPCIs, dwar l-iżvilupp, il-produzzjoni u l-użu ta' prodott relatat mad-difiża wieħed jew aktar jistgħu jippubblikaw liċenzja ġenerali ta' trasferiment għat-trasferimenti lil Stati Membri oħra li jipparteċipaw f'dak il-programm li jkunu meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' dak il-programm.";

(4) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

"*Artikolu 5a*

Liċenzji għat-trasferimenti neċessarji għall-implimentazzjoni ta' proġetti ffinanzjati fil-qafas ta' programmi industrijali tad-difiża tal-Unjoni

1. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw liċenzji ġenerali ta' trasferiment li jkopru t-trasferimenti kollha neċessarji għall-implimentazzjoni ta' proġetti ffinanzjati fil-qafas ta' programm industrijali tad-difiża tal-Unjoni. Dawk il-liċenzji għandhom ikopru l-prodotti relatati mad-difiża stabbiliti fl-Anness u għandhom japplikaw biss għat-trasferimenti meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' proġetti speċifiċi.

2. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li s-sistema ta' liċenzjar imsemmija fil-paragrafu 1 tapplika wkoll għall-fażijiet sussegwenti fiċ-ċiklu tal-ħajja tal-proġetti li jseħħu wara l-istadji ffinanzjati minn programm industrijali tad-difiża tal-Unjoni.

3. L-Istati Membri ma għandhom jirrikjedu l-ebda impenn addizzjonali, bħal ċertifikati relatati mal-użu finali jew limitazzjonijiet fuq l-esportazzjoni tal-prodotti relatati mad-difiża, fejn ftehim ta' finanzjament jew kuntratt konklużi skont programm industrijali tad-difiża tal-Unjoni jkun fih impenn li l-prodotti relatati mad-difiża marbuta mal-implimentazzjoni ta' proġett partikolari jew li jirriżultaw minnu ma jiġux kondiviżi mingħajr awtorizzazzjoni, lil hinn mill-parteċipanti fil-ftehim ta' finanzjament jew mill-partijiet fil-kuntratt inkwistjoni, mill-awtorità kontraenti jew ta' finanzjament, jew meta rilevanti, mill-Kummissjoni meta din ma tkunx l-awtorità kontraenti jew ta' finanzjament u l-Qorti tal-Awdituri kif imsemmi fil-paragrafu 4.

4. Il-ftehim ta' finanzjament jew il-kuntratt jista' jiddefinixxi l-arranġamenti li skonthom il-prodotti relatati mad-difiża marbuta mal-implimentazzjoni ta' proġett partikolari jistgħu jiġu ttrasferiti lill-Qorti tal-Awdituri meta l-parteċipanti, l-awtoritajiet kontraenti jew ta' finanzjament, jew meta jkun rilevanti, il-Kummissjoni, jekk ma tkunx l-awtorità kontraenti jew ta' finanzjament, ikunu legalment meħtieġa jagħmlu dan.

Artikolu 5b

Liċenzji għat-trasferimenti li jsiru fil-qafas ta' sħubija industrijali strutturata intra-UE

1. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw il-liċenzji ġenerali ta' trasferiment għat-trasferimenti li jsiru fil-qafas ta' sħubija industrijali strutturata intra-UE.

2. Il-liċenzji msemmija fil-paragrafu 1 għandhom japplikaw ukoll għal trasferimenti mhux tanġibbli ta' software u teknoloġija.";

(5) fl-Artikolu 8, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"3a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-proporzjonalità fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu dwar trasferimenti mhux tanġibbli ta' software u teknoloġija, u għandhom, b'mod partikolari fir-rigward tal-paragrafu 3, il-punti (b) u (c), jevitaw obbligi ta' rapportar sproporzjonati għall-fornituri.";

(6) l-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jinnominaw awtoritajiet kompetenti biex jagħmlu ċ-ċertifikazzjoni tal-impriżi stabbiliti fit-territorji tagħhom li jirċievu jew ifornu prodotti relatati mad-difiża taħt liċenzji ta' trasferiment ippubblikati minn Stati Membri skont l-Artikolu 5(2), il-punti (b) u (ba).";

(b) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Iċ-ċertifikazzjoni għandha tistabbilixxi l-affidabbiltà tal-impriża, b'mod partikolari fir-rigward tal-kapaċità tagħha li tikkonforma mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u nazzjonali dwar it-trasferiment u l-kontroll tal-esportazzjoni, speċjalment fir-rigward ta' miżuri ta' diliġenza dovuta li jivvalutaw ir-riskji relatati mal-esportazzjoni tal-prodotti u l-limitazzjonijiet tal-esportazzjoni ta' prodotti relatati mad-difiża riċevuti taħt liċenzja ta' trasferiment minn Stat Membru ieħor. L-affidabbiltà għandha tiġi evalwata skont il-kriterji li ġejjin:";

(ii) il-punti (a) u (b) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(a) esperjenza ppruvata fit-trasferimenti u l-attivitajiet tal-esportazzjoni tad-difiża, filwaqt li jitqies b'mod partikolari r-rekord ta' konformità tal-impriża mal-kontrolli applikabbli tat-trasferiment u tal-esportazzjoni nklużi r-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni, kwalunkwe deċiżjoni tal-qorti dwar din il-kwistjoni, kwalunkwe awtorizzazzjoni għall-produzzjoni jew għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti relatati mad-difiża u l-impjieg ta' persunal maniġerjali bl-esperjenza;

(b) attività industrijali rilevanti fi prodotti relatati mad-difiża fl-Unjoni;";

(iii) il-punt (f) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(f) deskrizzjoni, iffirmata wkoll mill-uffiċjal anzjan imsemmi fil-punt (c), tal-programm intern tal-konformità, jew tas-sistema tal-immaniġġjar tat-trasferiment u tal-esportazzjoni implimentata mill-impriża. Din id-deskrizzjoni għandha tipprovdi dettalji:

(i) tar-riżorsi organizzattivi, riżorsi umani u tekniċi allokati għall-ġestjoni tat-trasferimenti u esportazzjonijiet;

(ii) tal-katina ta' responsabbiltà fl-istruttura tal-impriża;

(iii) tal-proċeduri tal-awditjar intern u tar-rapportar u miżuri korrettivi;

(iv) tas-sensibilizzazzjoni u taħriġ tal-persunal;

(v) tal-arranġamenti ta' sigurtà fiżika u teknika u ta' sigurtà tal-informazzjoni;

(vi) taż-żamma tar-rekords u traċċabbiltà tat-trasferimenti u l-esportazzjonijiet; u

(vii) tal-proċess u l-proċeduri ta' skrinjar tat-tranżazzjonijiet";

(c) fil-paragrafu 3, il-punti (b) u (c) jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"(b) l-isem u l-indirizz tal-impriża;

(c) dikjarazzjoni tal-konformità tal-impriża mal-kriterji msemmija fil-paragrafu 2; u";

(d) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jimmonitorjaw il-konformità tal-impriża mal-kriterji msemmija fil-paragrafu 2 mill-anqas kull tliet snin, u ma' kwalunkwe kundizzjoni mehmuża maċ-ċertifikati msemmija fil-paragrafu 4. L-impriżi għandhom, mingħajr dewmien, jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti dwar bidliet fl-organizzazzjoni interna tagħhom jew fl-attivitajiet industrijali jew kummerċjali tagħhom fi prodotti relatati mad-difiża. F'każijiet bħal dawn, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jivvalutaw jekk impriża għadhiex tikkonforma mal-kriterji msemmija fil-paragrafu 2.";

(e) il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"8. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw u jaġġornaw regolarment lista ta' fornituri u riċevituri ċċertifikati u jinfurmaw lill-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew u lill-Istati Membri l-oħra b'dan.

Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tagħha reġistru ċentrali ta' fornituri u riċevituri ċċertifikati mill-Istati Membri.";

(7) l-Artikolu 17 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 17*

Rieżami u rapportar

Sal-1 ta' Jannar 2031, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva fl-isfond tat-titjib fil-prontezza tad-difiża tal-Ewropa sal-2030, kif mitlub mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill Ewropew f'Marzu 2025, u tirrapporta dwarha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Hija għandha tevalwa, b'mod partikolari, jekk l-għanijiet ta' din id-Direttiva inkisbux u sa liema punt, fir-rigward, fost l-oħrajn, tal-funzjonament tas-suq intern u l-għan li tittejjeb il-prontezza tad-difiża tal-Ewropa sal-2030. Fir-rapport tagħha, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina, fost l-oħrajn, l-applikazzjoni tal-Artikoli 5, 5a, 9 sa 12 u 15, u għandha tevalwa kif din id-Direttiva saħħet il-provvista tal-prodotti Ewropej tad-difiża u tas-sigurtà, filwaqt li tqis, fost l-oħrajn, is-suċċess taż-żieda ġenerali tagħhom u l-qagħda tal-SMEs u tal-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja. Fejn xieraq, ir-rapport għandu jiġi akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva.".

Artikolu 2

Emendi għad-Direttiva 2009/81/KE

Id-Direttiva 2009/81/KE hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punti 15 u 16 huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"15. 'Kandidat' tfisser operatur ekonomiku li jkun talab stedina biex jieħu sehem, jew li jkun ġie mistieden jieħu sehem, fi proċedura ristretta jew innegozjata, fi djalogu kompetittiv, jew fi sħubija għall-innovazzjoni;

16. 'Offerent' tfisser operatur ekonomiku li jkun ippreżenta offerta;";

(b) jiddaħħlu l-punti li ġejjin:

"17a. 'Attivitajiet ċentralizzati ta' xiri' tfisser attivitajiet imwettqa f'waħda mill-forom li ġejjin:

(a) l-akkwist ta' provvisti u/jew servizzi maħsuba għall-awtoritajiet/entitajiet kontraenti;

(b) l-għoti ta' kuntratti jew il-konklużjoni ta' ftehimiet qafas għal xogħlijiet, provvisti jew servizzi maħsuba għall-awtoritajiet/entitajiet kontraenti;

17b. 'Attivitajiet anċillari ta' xiri' tfisser l-attivitajiet li jikkonsistu fl-għoti ta' appoġġ għal attivitajiet ta' xiri, b'mod partikolari fil-forom li ġejjin:

(a) infrastruttura teknika li tippermetti lill-awtoritajiet/entitajiet kontraenti jagħtu kuntratti jew jikkonkludu ftehimiet qafas għal xogħlijiet, provvisti jew servizzi;

(b) parir dwar it-tmexxija jew it-tfassil ta' proċeduri tal-akkwist pubbliku;

(c) preparazzjoni u ġestjoni tal-proċeduri tal-akkwist f'isem u akkont tal-awtorità/entità kontraenti kkonċernata;";

(c) il-punt 18 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"18. 'Korp ċentrali ta' xiri' tfisser awtorità/entità kontraenti jew korp pubbliku Ewropew li jipprovdi attivitajiet ċentralizzati ta' xiri u, possibbilment, attivitajiet anċillari ta' xiri;";

(d) jiddaħħal il-punt li ġej:

"18a. 'Proċedura miftuħa' tfisser proċedura li fiha kwalunkwe operatur ekonomiku interessat jista' jippreżenta offerta bi tweġiba għal sejħa għal kompetizzjoni;";

(e) jiddaħħal il-punt li ġej:

"21a. 'Sistema dinamika ta' xiri' tfisser proċess kompletament elettroniku għax-xiri ta' oġġetti użati b'mod komuni, li l-karatteristiċi tiegħu, kif ġeneralment ikun disponibbli fis-suq, jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-awtorità/entità kontraenti;";

(f) jiżdied il-punt li ġej:

"29. 'manutenzjoni' tfisser l-azzjonijiet kollha meħuda biex jiġu żgurati l-prontezza u l-kapaċità operazzjonali ta' tagħmir militari jew sensittiv, b'mod partikolari biex it-tagħmir jinżamm f'kundizzjonijiet speċifikati jew jiġi restawrat għalihom sa tmiem l-użu tiegħu, inkluż il-prontezza għal missjonijiet, il-lonġevità u l-aġġornamenti, l-adattament u l-ispeċjalizzazzjoni, l-ispezzjoni, it-tiġdid maġġuri, l-ittestjar, il-manutenzjoni, il-modifiki, il-klassifikazzjoni fir-rigward tal-kapaċità għas-servizz, it-tiswija, l-irkupru, ir-rikostruzzjoni, ir-reklamazzjoni, is-salvataġġ u l-kannibalizzazzjoni.";

(2) l-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt (a), "EUR 432 000" huwa sostitwit b'"EUR 2 000 000";

(b) fil-punt (b), "EUR 5 404 000" huwa sostitwit b'"EUR 10 000 000";

(3) l-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Metodi ta' kalkolu tal-valur stmat ta' akkwist";

(b) il-paragrafu 5 huwa emendat kif ġej:

(i) fil-punt (a) "EUR 80 000" huwa sostitwit b'"EUR 360 000" u "EUR 1 000 000" huwa sostitwit b'"EUR 1 800 000";

(ii) fil-punt (b) "EUR 80 000" huwa sostitwit b'"EUR 360 000";

(c) il-paragrafu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"9. Għall-ftehimiet qafas u s-sistemi dinamiċi ta' xiri, il-valur stmat li għandu jiġi kkunsidrat għandu jkun il-valur massimu stmat, eskluża l-VAT, tal-kuntratti kollha previsti matul it-terminu kollu tal-ftehim qafas jew is-sistema dinamika ta' xiri.";

(d) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"10. Fil-każ ta' sħubijiet għall-innovazzjoni, il-valur li għandu jiġi kkunsidrat għandu jkun il-valur massimu stmat, eskluża il-VAT, tal-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp li għandhom isiru matul l-istadji kollha tas-sħubija prevista kif ukoll tal-provvisti, is-servizzi jew ix-xogħlijiet li għandhom jiġu żviluppati u akkwistati fl-aħħar tas-sħubija prevista.";

(4) l-Artikolu 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 10*

Kuntratti u ftehimiet qafas mogħtija minn korpi ċentrali ta' xiri

1. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti jistgħu jakkwistaw xogħlijiet, provvisti u/jew servizzi minn korp ċentrali ta' xiri, jew permezz tiegħu.

L-Istati Membri jistgħu jipprevedu wkoll li l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti jistgħu jakkwistaw xogħlijiet, provvisti u servizzi billi jużaw kuntratti mogħtija minn korp ċentrali ta' xiri, billi jużaw sistemi dinamiċi ta' xiri operati minn korp ċentrali ta' xiri jew, sal-punt stabbilit fl-Artikolu 29(2), it-tieni subparagrafu, billi jużaw ftehim qafas konkluż minn korp ċentrali ta' xiri li joffri l-attività ċentralizzata ta' xiri. Meta sistema dinamika ta' xiri operata minn korp ċentrali ta' xiri tkun tista' tintuża minn awtoritajiet/entitajiet kontraenti oħra, dan għandu jiġi indikat fis-sejħa għal kompetizzjoni li tistabbilixxi dik is-sistema dinamika ta' xiri.

Fir-rigward tal-ewwel u t-tieni subparagrafi, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li ċerti akkwisti għandhom isiru permezz tal-korpi ċentrali ta' xiri jew permezz ta' korp ċentrali ta' xiri speċifiku wieħed jew aktar.

2. L-awtoritajiet/entitajiet kontraenti li jakkwistaw xogħlijiet, provvisti u/jew servizzi minn korp ċentrali ta' xiri jew permezz tiegħu għandhom ikunu meqjusa li kkonformaw ma' din id-Direttiva safejn:

(a) il-korp ċentrali ta' xiri jkun ikkonforma magħha, jew,

(b) meta l-korp ċentrali ta' xiri ma jkunx awtorità/entità kontraenti, ir-regoli tal-għoti tal-kuntratt applikati minnu jikkonformaw ma' din id-Direttiva u l-kuntratti li jingħataw jistgħu jkunu soġġetti għal rimedji effiċjenti komparabbli ma' dawk previsti fit-Titolu IV.

Barra minn hekk, awtorità/entità kontraenti għandha titqies li tkun issodisfat ukoll l-obbligi tagħha skont din id-Direttiva meta takkwista xogħlijiet, provvisti jew servizzi billi tuża kuntratti mogħtija mill-korp ċentrali ta' xiri, billi tuża sistemi dinamiċi ta' xiri operati mill-korp ċentrali ta' xiri jew, sa fejn stabbilit fl-Artikolu 29(2), it-tieni subparagrafu, billi tuża ftehim qafas konkluż mill-korp ċentrali ta' xiri.

Madankollu, l-awtorità/entità kontraenti kkonċernata għandha tkun responsabbli li tissodisfa l-obbligi tagħha skont din id-Direttiva fir-rigward tal-partijiet li hija stess twettaq, b'mod partikolari:

(a) l-għoti ta' kuntratt skont sistema dinamika ta' xiri, li tkun operata minn korp ċentrali ta' xiri;

(b) it-tmexxija tal-ftuħ mill-ġdid ta' kompetizzjoni skont ftehim qafas li jkun ġie konkluż minn korp ċentrali ta' xiri;

(c) skont l-Artikolu 29(4), id-determinazzjoni ta' liema mill-operaturi ekonomiċi, li huma partijiet fil-ftehim qafas, għandu jwettaq kompitu partikolari skont ftehim qafas li jkun ġie konkluż minn korp ċentrali ta' xiri.

3. L-awtoritajiet/entitajiet kontraenti jistgħu, mingħajr ma japplikaw il-proċeduri previsti f'din id-Direttiva, jagħtu kuntratt ta' servizzi għall-provvista ta' attivitajiet ċentralizzati ta' xiri lil korp ċentrali ta' xiri.

Tali kuntratti ta' servizzi jistgħu jinkludu wkoll il-provvista ta' attivitajiet anċillari ta' xiri.";

(5) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

"*Artikolu 10a*

Akkwist li jinvolvi awtoritajiet/entitajiet kontraenti minn Stati Membri differenti

1. L-awtoritajiet/entitajiet kontraenti minn Stati Membri differenti jistgħu jaġixxu b'mod konġunt fl-għoti ta' kuntratti f'konformità ma' dan l-Artikolu.

L-awtoritajiet/entitajiet kontraenti ma għandhomx jużaw id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu biex jevitaw l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet obbligatorji tad-dritt pubbliku f'konformità mad-dritt tal-Unjoni li għalih ikunu soġġetti fl-Istat Membru tagħhom.

2. Stat Membru ma għandux jipprojbixxi lill-awtoritajiet/entitajiet kontraenti tiegħu milli jużaw attivitajiet ċentralizzati ta' xiri offruti mill-korpi ċentrali ta' xiri li jinsabu fi Stat Membru ieħor jew milli joffru attivitajiet ċentralizzati ta' xiri lil awtoritajiet/entitajiet kontraenti li jinsabu fi Stat Membru ieħor.

Fir-rigward ta' attivitajiet ċentralizzati ta' xiri offruti minn korp ċentrali ta' xiri li jinsab fi Stat Membru ieħor li mhuwiex tal-awtorità/entità kontraenti, l-Istati Membri jistgħu jispeċifikaw li l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti tagħhom jistgħu jużaw biss l-attivitajiet ċentralizzati ta' xiri kif definiti fil-punt (a) jew (b) tal-Artikolu 1, il-punt (17a).

3. Il-provvista tal-attivitajiet ċentralizzati ta' xiri minn korp ċentrali ta' xiri li jinsab fi Stat Membru ieħor għandha titmexxa f'konformità mad-dispożizzjonijiet nazzjonali tal-Istat Membru fejn jinsab il-korp ċentrali ta' xiri. Dan ma japplikax għall-korpi pubbliċi Ewropej.

Id-dispożizzjonijiet nazzjonali tal-Istat Membru fejn jinsab il-korp ċentrali ta' xiri għandhom japplikaw ukoll:

(a) għall-għoti ta' kuntratt taħt sistema dinamika ta' xiri;

(b) għat-twettiq ta' ftuħ mill-ġdid ta' kompetizzjoni skont ftehim qafas; u

(c) għad-determinazzjoni ta' liema mill-operaturi ekonomiċi li huma parti għall-ftehim qafas għandu jwettaq kompitu partikolari f'każijiet ta' ftehim qafas ma' diversi operaturi ekonomiċi mingħajr il-ftuħ mill-ġdid tal-kompetizzjoni.

4. Diversi awtoritajiet/entitajiet kontraenti minn Stati Membri differenti jistgħu b'mod konġunt jagħtu kuntratt, jikkonkludu ftehim qafas jew joperaw sistema dinamika ta' xiri. Huma jistgħu wkoll, sal-punt stabbilit fl-Artikolu 29(2), it-tieni subparagrafu, jagħtu kuntratti abbażi tal-ftehim qafas jew tas-sistema dinamika ta' xiri.

Sakemm l-elementi neċessarji ma jkunux ġew regolati minn ftehim internazzjonali konkluż bejn l-Istati Membri kkonċernati, l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti parteċipanti għandhom jikkonkludu ftehim li jiddetermina:

(a) ir-responsabbiltajiet tal-partijiet u d-dispożizzjonijiet nazzjonali applikabbli rilevanti;

(b) l-organizzazzjoni interna tal-proċedura ta' akkwist, inklużi l-ġestjoni tal-proċedura, id-distribuzzjoni tax-xogħlijiet, il-provvisti jew servizzi li se jiġu akkwistati, u l-konklużjoni tal-kuntratti.

Awtorità/entità kontraenti parteċipanti għandha titqies li tkun issodisfat l-obbligi tagħha skont din id-Direttiva meta takkwista xogħlijiet, provvisti jew servizzi mingħand awtorità/entità kontraenti li tkun responsabbli mill-proċedura ta' akkwist. Fid-determinazzjoni tar-responsabbiltajiet u tad-dritt nazzjonali applikabbli kif imsemmi fit-tieni subparagrafu, il-punt (a), l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti parteċipanti jistgħu jallokaw responsabbiltajiet speċifiċi fosthom u jiddeterminaw id-dispożizzjonijiet applikabbli tal-liġi nazzjonali ta' kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri rispettiv tagħhom. L-allokazzjoni tar-responsabbiltajiet u l-liġi nazzjonali applikabbli għandhom jissemmew fid-dokumenti tal-akkwist għal kuntratti mogħtija b'mod konġunt.

5. Meta diversi awtoritajiet/entitajiet kontraenti minn Stati Membri differenti jkunu stabbilew entità konġunta stabbilita skont id-dritt tal-Unjoni, l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti parteċipanti għandhom, b'deċiżjoni tal-korp kompetenti tal-entità konġunta, jaqblu dwar ir-regoli nazzjonali applikabbli dwar l-akkwist ta' wieħed mill-Istati Membri li ġejjin:

(a) id-dispożizzjonijiet nazzjonali tal-Istat Membru fejn l-entità konġunta għandha l-uffiċċju rreġistrat tagħha;

(b) id-dispożizzjonijiet nazzjonali tal-Istat Membru fejn l-entità konġunta qed twettaq l-attivitajiet tagħha.

Il-ftehim imsemmi fl-ewwel subparagrafu jista' jew japplika għal perjodu mhux determinat, fejn dan ikun stabbilit fl-att kostituttiv tal-entità konġunta, jew jiġi limitat għal ċertu perjodu ta' żmien, għal ċerti tipi ta' kuntratti jew għal għotja ta' kuntratt individwali waħda jew aktar.

Artikolu 10b

Akkwist konġunt okkażjonali

1. Żewġ awtoritajiet/entitajiet kontraenti jew aktar jistgħu jaqblu li jwettqu ċerti akkwisti speċifiċi b'mod konġunt.

2. Fejn it-twettiq ta' proċedura tal-akkwist fl-intier tagħha ssir b'mod konġunt f'isem u għan-nom tal-awtoritajiet/entitajiet kontraenti kollha kkonċernati, huma għandhom ikunu responsabbli b'mod konġunt għall-issodisfar tal-obbligi tagħhom skont din id-Direttiva. Dan japplika wkoll f'każijiet fejn awtorità/entità kontraenti waħda tamministra l-proċedura, filwaqt li taġixxi f'isimha u f'isem l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti l-oħra kkonċernati.

Fejn it-twettiq ta' proċedura tal-akkwist ma titwettaqx fl-intier tagħha f'isem u għan-nom tal-awtoritajiet/entitajiet kontraenti kkonċernati, huma għandhom ikunu responsabbli b'mod konġunt biss għal dawk il-partijiet imwettqa b'mod konġunt. Kull awtorità/entità kontraenti għandu jkollha r-responsabbiltà unika li tissodisfa l-obbligi tagħha skont din id-Direttiva fir-rigward tal-partijiet li hija twettaq f'isimha u għan-nom tagħha stess.";

(6) fl-Artikolu 13, il-punti (c) u (d) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(c) kuntratti mogħtija fil-qafas ta' programm ta' kooperazzjoni bbażat fuq ir-riċerka u l-iżvilupp, imwettaq b'mod konġunt minn tal-anqas żewġ Stati Membri għall-iżvilupp ta' prodott ġdid jew għal aġġornament li jwassal għal bidliet sostanzjali jew titjib sostanzjali ta' prodott eżistenti u, fejn applikabbli, il- fażijiet sussegwenti taċ-ċiklu tal-ħajja kollu ta' dan il-prodott jew ta' parti minnu.

Meta Stat Membru jsir membru sħiħ ta' programm kooperattiv wara t-tlestija tal-fażi ta' riċerka u żvilupp ta' dak il-programm, għall-fażijiet sussegwenti taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodott, dan l-Artikolu għandu japplika għall-Istat Membru li jissieħeb. Proġett ta' riċerka u żvilupp ġestit minn istituzzjonijiet jew korpi tal-Unjoni, implimentat f'konformità mar-regoli tal-Unjoni u ffinanzjat mill-baġit tal-Unjoni jikkostitwixxi programm kooperattiv imwettaq b'mod konġunt minn tal-anqas żewġ Stati Membri u jista' jitkompla għall-fażijiet wara l-fażi tar-riċerka u żvilupp, f'liema każ il-kuntratti mogħtija fil-qafas tal-programm ta' segwitu jistgħu jiġu eskluży wkoll skont dan l-Artikolu;

(d) il-kuntratti mogħtija f'pajjiż terz, inkluży dawk ta' xiri għal skopijiet ċivili, li jsiru meta l-forzi jiġu skjerati jew ikunu qed jitħarrġu barra mit-territorju tal-Unjoni, fejn il-ħtiġijiet operazzjonali jirrikjedu li dawn jiġu konklużi ma' operaturi ekonomiċi li jinsabu fiż-żona tal-operazzjonijiet;";

(7) fl-Artikolu 25, it-tieni u t-tielet paragrafi huma sostitwiti b'dan li ġej:

"L-awtoritajiet/entitajiet kontraenti jistgħu jagħżlu li jagħtu l-kuntratti billi japplikaw il-proċedura miftuħa, il-proċedura ristretta jew il-proċedura nnegozjata bil-pubblikazzjoni ta' avviż ta' kuntratt.

Fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 27 jew 27a, huma jistgħu jagħtu kuntratti permezz ta' djalogu kompetittiv jew sħubija għall-innovazzjoni.";

(8) fl-Artikolu 27, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Fil-każ ta' kuntratti partikolarment kumplessi, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li fejn l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti jikkunsidraw li l-użu tal-proċedura miftuħa, tal-proċedura ristretta jew tal-proċedura nnegozjata bil-pubblikazzjoni ta' avviż ta' kuntratt ma jippermettix l-għoti tal-kuntratt, dawk l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti jistgħu jirrikorru għad-djalogu kompetittiv f'konformità ma' dan l-Artikolu.

Kuntratt għandu jingħata fuq il-bażi unika tal-kriterju tal-għoti tal-offerta li tkun l-aktar ekonomikament vantaġġjuża.";

(9) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 27a*

Sħubija għall-innovazzjoni

1. Kwalunkwe operatur ekonomiku jista' jissottometti talba biex jipparteċipa fi sħubija għall-innovazzjoni wara avviż ta' kuntratt billi jipprovdi l-informazzjoni għas-selezzjoni kwalitattiva li ġiet rikjesta mill-awtorità/entità kontraenti.

Fid-dokumenti tal-akkwist, l-awtorità/entità kontraenti għandha tidentifika l-ħtieġa ta' prodott, servizz jew xogħlijiet innovattivi li ma tistax tiġi ssodisfata billi jinxtraw prodotti, servizzi jew xogħlijiet li diġà huma disponibbli fis-suq. Hija għandha tindika liema elementi ta' din id-deskrizzjoni jirrappreżentaw ir-rekwiżiti minimi li l-offerti kollha għandhom jissodisfaw. L-informazzjoni mogħtija għandha tkun preċiża biżżejjed biex l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu jidentifikaw in-natura u l-ambitu tas-soluzzjoni meħtieġa u jkunu jistgħu jiddeċiedu jitolbux li jieħdu sehem fil-proċedura.

L-awtorità/entità kontraenti tista' tiddeċiedi li tistabbilixxi s-sħubija għall-innovazzjoni ma' sieħeb wieħed jew aktar li jwettqu attivitajiet separati ta' riċerka u żvilupp.

Il-limitu ta' żmien minimu għall-wasla tat-talbiet għal parteċipazzjoni għandu jkun ta' 30 jum mid-data li fiha jintbagħat l-avviż ta' kuntratt. L-awtorità/entità kontraenti għandha tivvaluta l-informazzjoni pprovduta mill-operaturi ekonomiċi u għandha tistieden lill-kandidati idonei biex jieħdu sehem fil-proċedura. L-awtoritajiet/entitajiet kontraenti jistgħu jillimitaw in-numru ta' kandidati idonei li għandhom jiġu mistiedna jieħdu sehem fil-proċedura. Il-kuntratti għandhom jingħataw fuq il-bażi unika tal-kriterju tal-għoti tal-offerta li tippreżenta l-aqwa bilanċ bejn il-prezz u l-kwalità skont l-Artikolu 47.

2. L-għan tas-sħubija għall-innovazzjoni għandu jkun l-iżvilupp ta' prodott, servizz jew xogħlijiet innovattivi u x-xiri sussegwenti tal-provvisti, is-servizzi jew ix-xogħlijiet li jirriżultaw, dment li dawn jikkorrispondu għal-livelli ta' prestazzjoni u l-ispejjeż massimi miftiehma bejn l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti u l-parteċipanti.

Is-sħubija għall-innovazzjoni għandha tiġi strutturata f'fażijiet suċċessivi li jsegwu s-sekwenza ta' passi fil-proċess tar-riċerka u l-innovazzjoni, li tista' tinkludi l-manifattura tal-prodotti, il-provvista tas-servizzi jew it-tlestija tax-xogħlijiet. Is-sħubija għall-innovazzjoni għandha tistabbilixxi miri intermedji li għandhom jintlaħqu mis-sħab u tipprevedi l-ħlas tar-remunerazzjoni f'pagamenti parzjali xierqa.

Abbażi ta' dawk il-miri, l-awtorità/entità kontraenti tista' tiddeċiedi wara kull fażi li ttemm is-sħubija għall-innovazzjoni jew, f'każ ta' sħubija għall-innovazzjoni b'diversi sħab, li tnaqqas in-numru ta' sħab billi ttemm il-kuntratti individwali, dment li l-awtorità/entità kontraenti tkun indikat fid-dokumenti ta' akkwist dawk il-possibbiltajiet u l-kundizzjonijiet għall-użu tagħhom.

3. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan l-Artikolu, l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti għandhom jinnegozjaw mal-offerenti l-offerti inizjali u dawk kollha sussegwenti ippreżentati minnhom, għajr l-offerta finali, biex jittejjeb il-kontenut tagħhom.

Ir-rekwiżiti minimi u l-kriterji tal-għoti ma għandhomx ikunu soġġetti għal negozjati.

4. Matul in-negozjati, l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti għandhom jiżguraw it-trattament ugwali u kompetizzjoni ġusta fost l-offerenti kollha. Għal dak il-għan, ma għandhomx jipprovdu informazzjoni b'mod diskriminatorju li jista' jagħti vantaġġ lil xi offerenti fuq oħrajn. Huma għandhom jinformaw bil-miktub lill-offerenti kollha li l-offerti tagħhom ma jkunux ġew eliminati, skont il-paragrafu 5, dwar kwalunkwe bidla fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jew f'dokumenti tal-akkwist oħra. Wara dawk il-bidliet, l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti għandhom jagħtu biżżejjed ħin lill-offerenti biex jimmodifikaw u jerġgħu jippreżentaw l-offerti emendati, kif xieraq.

F'konformità mal-Artikolu 6, l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti ma għandhomx jiżvelaw lill-parteċipanti l-oħra informazzjoni kunfidenzjali kkomunikata minn kandidat jew offerent li jkun qed jieħu sehem fin-negozjati mingħajr il-qbil tiegħu. Tali qbil ma għandux jieħu l-forma ta' eżenzjoni ġenerali iżda għandu jsir b'referenza għall-komunikazzjoni intenzjonata ta' informazzjoni speċifika.

5. In-negozjati matul il-proċeduri tas-sħubija għall-innovazzjoni jistgħu jsiru fi stadji suċċessivi sabiex jitnaqqas in-numru ta' offerti li għandhom jiġu nnegozjati billi jiġu applikati l-kriterji tal-għoti speċifikati fl-avviż ta' kuntratt, fl-istedina għall-konferma tal-interess jew fid-dokumenti tal-akkwist. Fl-avviż ta' kuntratt, fl-istedina għall-konferma tal-interess jew fid-dokumenti tal-akkwist, l-awtorità/entità kontraenti għandha tindika jekk hijiex se tirrikorri għal dik l-għażla. Qabel it-tmiem ta' fażi li tkun għaddejja, l-awtorità/entità kontraenti tista' tispeċifika l-kriterji għall-għoti u l-ispejjeż massimi li għandhom jintużaw biex jintgħażlu l-offerti li se jipparteċipaw fil-fażi li jmiss. Dawk il-kriterji tal-għoti u l-ispejjeż massimi għandhom ikunu proporzjonati mar-riżultati mistennija tal-fażi li tkun għaddejja u l-objettivi tas-sħubija għall-innovazzjoni. Meta offerent eliminat f'fażi preċedenti jsir eliġibbli għall-fażi li jmiss bħala riżultat ta' dawk il-kriterji tal-għoti u l-ispejjeż massimi, dak l-offerent għandu jiġi mistieden jieħu sehem fil-fażi li jmiss.

6. Fl-għażla tal-kandidati, l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti għandhom, b'mod partikolari, japplikaw il-kriterji li jikkonċernaw il-kapaċità tal-kandidati fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp u fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi.

Huma biss dawk l-operaturi ekonomiċi mistiedna mill-awtorità/entità kontraenti wara l-valutazzjoni tagħha tal-informazzjoni mitluba li jistgħu jissottomettu proġetti tar-riċerka u l-innovazzjoni bil-għan li jissodisfaw il-ħtiġijiet identifikati mill-awtorità/entità kontraenti li ma jistgħux jiġu ssodisfati mis-soluzzjonijiet eżistenti.

Fid-dokumenti tal-akkwist, l-awtorità/entità kontraenti għandha tiddefinixxi l-arranġamenti applikabbli għad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali. Fil-każ ta' sħubija għall-innovazzjoni ma' diversi sħab, l-awtorità/entità kontraenti ma għandhiex, f'konformità mal-Artikolu 6, tiżvela lis-sħab l-oħra s-soluzzjonijiet proposti jew informazzjoni kunfidenzjali oħra kkomunikata minn sieħeb fil-qafas tas-sħubija mingħajr il-qbil ta' dak is-sieħeb. Tali qbil ma għandux jieħu l-forma ta' eżenzjoni ġenerali iżda għandu jsir b'referenza għall-komunikazzjoni intenzjonata ta' informazzjoni speċifika.

7. L-awtorità/entità kontraenti għandha tiżgura li l-istruttura tas-sħubija u, b'mod partikolari, id-durata u l-valur tal-fażijiet differenti għandhom jirriflettu l-grad ta' innovazzjoni tas-soluzzjoni proposta u s-sekwenza tal-attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni meħtieġa għall-iżvilupp ta' soluzzjoni innovattiva li għadha mhijiex disponibbli fis-suq. Il-valur stmat tal-provvisti, is-servizzi jew ix-xogħlijiet ma għandux ikun sproporzjonat fir-rigward tal-investiment meħtieġ għall-iżvilupp tagħhom.";

(10) l-Artikolu 28 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(1) għal kuntratti ta' xogħlijiet, kuntratti ta' forniment u kuntratti ta' servizzi:

(a) meta ma jkunux ġew ippreżentati offerti jew offerti idonei jew applikazzjonijiet b'reazzjoni għal proċedura miftuħa, għal proċedura ristretta, għal proċedura nnegozjata bil-pubblikazzjoni minn qabel ta' avviż ta' kuntratt, għal djalogu kompetittiv jew għal sħubija għall-innovazzjoni, dment li l-kundizzjonijiet inizjali ta' kuntratt ma jkunux mibdula sostanzjalment u bil-kundizzjoni li jintbagħat rapport lill-Kummissjoni, jekk titolbu;

(b) fil-każ ta' offerti irregolari jew fil-każ tal-preżentazzjoni ta' offerti li ma jkunux aċċettabbli skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali kompatibbli mal-Artikoli 5, 19, 21 sa 24 u l-Kapitolu VII tat-Titolu II, b'reazzjoni għal proċedura miftuħa, proċedura ristretta, proċedura nnegozjata b'pubblikazzjoni, djalogu kompetittiv jew sħubija għall-innovazzjoni, sakemm:

(i) it-termini oriġinali tal-kuntratt ma jkunux mibdula sostanzjalment, u

(ii) jinkludu fil-proċedura nnegozjata lill-offerenti kollha, u lilhom biss, li jkunu ssodisfaw il-kriterji tal-Artikoli 39 sa 46 u li, matul il-proċedura miftuħa, il-proċedura ristretta, id-djalogu kompetittiv jew is-sħubija għall-innovazzjoni preċedenti, ikunu ppreżentaw offerti skont ir-rekwiżiti formali tal-proċedura tal-offerti;

(c) meta l-limiti ta' żmien stabbiliti għall-proċedura miftuħa, il-proċedura ristretta u l-proċedura nnegozjata bil-pubblikazzjoni ta' avviż ta' kuntratt, inklużi l-limiti ta' żmien imqassra msemmija fl-Artikolu 33(7), ma jkunux kompatibbli mal-urġenza li tirriżulta minn kriżi. Dan jista' japplika, pereżempju, fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 23, it-tieni paragrafu, il-punt (d);

(d) sa fejn ikun strettament neċessarju meta, minħabba raġunijiet ta' urġenza estrema kkawżata minn avvenimenti mhux mistennija mill-awtoritajiet/entitajiet kontraenti involuti, il-limiti ta' żmien għall-proċedura miftuħa, il-proċedura ristretta jew il-proċedura nnegozjata bil-pubblikazzjoni ta' avviż ta' kuntratt, inklużi l-limiti ta' żmien imqassra msemmija fl-Artikolu 33(7), ma jkunux jistgħu jiġu rrispettati. Iċ-ċirkostanzi invokati bħala ġustifikazzjoni ta' urġenza estrema m'għandhom bl-ebda mod ikunu attribwibbli lill-awtorità/entità kontraenti;

(e) meta, minħabba raġunijiet tekniċi jew raġunijiet relatati mal-protezzjoni ta' drittijiet esklużivi, il-kuntratt ikun jista' jingħata biss lil operatur ekonomiku partikolari;";

(b) il-punt (4)(b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) għal xogħlijiet jew servizzi ġodda li jikkonsistu fir-ripetizzjoni ta' xogħlijiet jew servizzi simili fdati lill-operatur ekonomiku li jkun ingħata l-kuntratt oriġinali mill-istess awtoritajiet/entitajiet kontraenti, bil-kundizzjoni li tali xogħlijiet jew servizzi jkunu konformi ma' proġett bażiku li għalih jkun ingħata l-kuntratt oriġinali skont il-proċedura miftuħa, il-proċedura ristretta, il-proċedura nnegozjata bil-pubblikazzjoni ta' avviż ta' kuntratt, djalogu kompetittiv, jew sħubija għall-innovazzjoni.

Hekk kif issir is-sejħa għall-offerti fir-rigward tal-ewwel proġett, għandu jiġi żvelat l-użu possibbli ta' din il-proċedura, u l-ispiża totali stmata għal xogħlijiet jew servizzi sussegwenti għandha tkun ikkunsidrata mill-awtoritajiet/entitajiet kontraenti meta japplikaw l-Artikolu 8.

Din il-proċedura tista' tintuża biss matul il-perjodu ta' seba' snin wara li jiġi konkluż il-kuntratt oriġinali, ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali ddeterminati billi jitqiesu t-tul tas-servizz mistenni ta' kwalunkwe oġġett, installazzjoni jew sistema mwassla, u d-diffikultajiet tekniċi li bidla fil-fornitur tista' tikkawża;";

(c) il-punt (5) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(5) għal kuntratti relatati mal-provvista ta' servizzi tat-trasport bl-ajru jew bil-baħar għall-forzi armati jew għall-forzi tas-sigurtà ta' Stat Membru skjerati jew li jkunu se jiġu skjerati barra mit-territorju tagħhom, meta l-awtorità/entità kontraenti jkollha takkwista tali servizzi mingħand operaturi ekonomiċi li jiggarantixxu l-validità tal-offerti tagħhom biss għal perjodi tant qosra li l-limiti ta' żmien għall-proċedura miftuħa, għall-proċedura ristretta jew għall-proċedura nnegozjata bil-pubblikazzjoni ta' avviż ta' kuntratt, inklużi l-limiti ta' żmien imqassra kif imsemmi fl-Artikolu 33(7), ma jkunux jistgħu jiġu rrispettati.";

(11) fl-Artikolu 29(2), ir-raba' subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"It-terminu ta' ftehim qafas ma jistax ikun itwal minn 10 snin, ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali determinati billi jitqiesu t-tul tas-servizz mistenni ta' kwalunkwe oġġett, installazzjoni jew sistema mwassla, u d-diffikultajiet tekniċi li bidla fil-fornitur tista' tikkawża.";

(12) jiddaħħal l-Artikolu li ġej fit-Titolu II, il-Kapitolu V:

"*Artikolu 29a*

Sistema dinamika ta' xiri

1. Għax-xiri ta' oġġetti użati b'mod komuni li l-karatteristiċi tagħhom, kif ġeneralment ikunu disponibbli fis-suq, jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-awtoritajiet/entitajiet kontraenti, l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti jistgħu jużaw sistema dinamika ta' xiri. Is-sistema dinamika ta' xiri għandha tiġi operata bħala proċess kompletament elettroniku u għandha tkun miftuħa matul il-perjodu ta' validità tas-sistema tax-xiri għal kwalunkwe operatur ekonomiku li jissodisfa l-kriterji ta' għażla. Hija tista' tiġi diviża f'kategoriji ta' prodotti, xogħlijiet jew servizzi li jkunu definiti oġġettivament abbażi ta' karatteristiċi tal-akkwist li għandhom jitwettqu taħt il-kategorija kkonċernata. Tali karatteristiċi jistgħu jinkludu referenza għad-daqs massimu permissibbli tal-kuntratti speċifiċi sussegwenti jew għal żona ġeografika speċifika li fiha se jiġu eżegwiti kuntratti speċifiċi sussegwenti.

2. Sabiex isir akkwist skont sistema dinamika ta' xiri, l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti għandhom isegwu r-regoli tal-proċedura ristretta. Il-kandidati kollha li jissodisfaw il-kriterji ta' għażla għandhom jiġu ammessi għas-sistema, u n-numru ta' kandidati li għandhom jiġu ammessi għas-sistema ma għandux ikun limitat f'konformità mal-Artikolu 38(3). Fejn l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti jkunu ddividew is-sistema f'kategoriji ta' prodotti, xogħlijiet jew servizzi f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, għandhom jispeċifikaw il-kriterji ta' għażla applikabbli għal kull kategorija.

Minkejja l-Artikolu 33, għandhom japplikaw il-limiti ta' żmien li ġejjin:

(a) il-limitu ta' żmien minimu għall-wasla tat-talbiet għal parteċipazzjoni għandu jkun ta' 30 jum mid-data li fiha jintbagħat l-avviż ta' kuntratt. Ma għandu japplika ebda limitu ta' żmien ieħor għall-wasla tat-talbiet għal parteċipazzjoni ladarba l-istedina għall-offerti għall-ewwel akkwist speċifiku skont is-sistema dinamika ta' xiri tkun intbagħtet;

(b) il-limitu ta' żmien minimu għall-wasla tal-offerti għandu jkun tal-inqas 10 ijiem mid-data li fiha tintbagħat l-istedina għall-offerti.

3. Il-komunikazzjonijiet kollha fil-kuntest ta' sistema dinamika ta' xiri għandhom isiru biss b'mezzi elettroniċi.

4. Għall-finijiet tal-għoti ta' kuntratti skont sistema dinamika ta' xiri, l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti għandhom:

(a) jippubblikaw sejħa għal kompetizzjoni li tagħmilha ċara li hemm sistema dinamika ta' xiri involuta;

(b) jindikaw fid-dokumenti tal-akkwist tal-inqas in-natura u l-kwantità stmata tax-xiri previst, kif ukoll l-informazzjoni kollha neċessarja li tikkonċerna s-sistema dinamika ta' xiri, inkluż kif topera s-sistema dinamika ta' xiri, it-tagħmir elettroniku użat u l-arranġamenti u l-ispeċifikazzjonijiet ta' konnessjonijiet tekniċi;

(c) jindikaw kwalunkwe diviżjoni f'kategoriji ta' prodotti, xogħlijiet jew servizzi u l-karatteristiċi li jiddefinixxuhom;

(d) joffru aċċess dirett sħiħ u mingħajr restrizzjonijiet, sakemm is-sistema tkun valida, għad-dokumenti tal-akkwist.

5. L-awtoritajiet/entitajiet kontraenti għandhom jagħtu lil kwalunkwe operatur ekonomiku, matul il-perjodu kollu ta' validità tas-sistema dinamika ta' xiri, il-possibbiltà li jagħmel talba biex jieħu sehem fis-sistema skont il-kundizzjonijiet previsti fil-paragrafu 2. L-awtoritajiet/entitajiet kontraenti għandhom jiffinalizzaw l-evalwazzjoni tagħhom ta' tali talbiet f'konformità mal-kriterji ta' għażla fi żmien 10 ijiem ta' xogħol wara l-wasla tagħhom. Dik l-iskadenza tista' tiġi estiża għal 15-il jum ta' xogħol f'każijiet individwali meta jkun iġġustifikat, b'mod partikolari minħabba l-ħtieġa li tiġi eżaminata dokumentazzjoni addizzjonali jew b'xi mod ieħor issir verifika dwar jekk il-kriterji ta' għażla ġewx issodisfati.

Minkejja l-ewwel subparagrafu, sakemm ma tkunx intbagħtet l-istedina għall-offerti għall-ewwel akkwist speċifiku skont is-sistema dinamika ta' xiri, l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti jistgħu jestendu l-perjodu ta' evalwazzjoni dment li ma tkun ħarġet l-ebda stedina għall-offerti matul il-perjodu estiż ta' evalwazzjoni. L-awtoritajiet/entitajiet kontraenti għandhom jindikaw fid-dokumenti tal-akkwist it-tul tal-perjodu estiż li jkun beħsiebhom japplikaw.

L-awtoritajiet/entitajiet kontraenti għandhom jinformaw lill-operatur ekonomiku kkonċernat mal-ewwel opportunità possibbli dwar jekk ġiex ammess fis-sistema dinamika ta' xiri jew le u r-raġunijiet għaliex fuq talba.

6. L-awtoritajiet/entitajiet kontraenti għandhom jistiednu lill-parteċipanti ammessi kollha biex jippreżentaw offerta għal kull akkwist speċifiku skont is-sistema dinamika ta' xiri, f'konformità mal-Artikolu 34. Meta s-sistema dinamika ta' xiri tkun ġiet diviża f'kategoriji ta' xogħlijiet, prodotti jew servizzi, l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti għandhom jistiednu lill-parteċipanti kollha li jkunu ġew ammessi għall-kategorija li tikkorrispondi għall-akkwist speċifiku kkonċernat biex jippreżentaw offerta.

Huma għandhom jagħtu l-kuntratt lill-offerent li jkun ippreżenta l-aħjar offerta fuq il-bażi tal-kriterji tal-għoti mniżżlin fl-avviż ta' kuntratt għas-sistema dinamika ta' xiri f'konformità mal-Artikolu 47. Dawk il-kriterji għandhom, fejn ikun xieraq, jiġu fformulati bi preċiżjoni akbar fl-istedina għall-offerti.

7. L-awtoritajiet/entitajiet kontraenti għandhom jindikaw il-perjodu ta' validità tas-sistema dinamika ta' xiri fis-sejħa għall-kompetizzjoni. Huma għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe bidla fil-perjodu ta' validità, billi jużaw il-formoli standard li ġejjin:

(a) meta l-perjodu ta' validità jinbidel mingħajr ma tintemm is-sistema, il-formola użata inizjalment għas-sejħa għall-kompetizzjoni għas-sistema dinamika ta' xiri;

(b) meta s-sistema titwaqqaf, avviż tal-għoti ta' kuntratt imsemmi fl-Artikolu 30(3).

8. L-awtoritajiet/entitajiet kontraenti jistgħu, fi kwalunkwe ħin matul il-perjodu ta' validità tas-sistema dinamika ta' xiri, jitolbu lill-parteċipanti ammessi jippreżentaw biżżejjed provi relatati mal-kriterji ta' għażla kwalitattiva.

9. Ma tista' tiġi imposta l-ebda tariffa qabel jew matul il-perjodu ta' validità tas-sistema dinamika ta' xiri fuq l-operaturi ekonomiċi interessati fis-sistema dinamika ta' xiri jew li jkunu parti għaliha.";

(13) l-Artikolu 30 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-awtoritajiet/entitajiet kontraenti li jkun beħsiebhom jagħtu kuntratt jew ftehim qafas permezz ta' proċedura miftuħa, proċedura ristretta, proċedura nnegozjata bil-pubblikazzjoni ta' avviż ta' kuntratt, djalogu kompetittiv jew sħubija għall-innovazzjoni għandhom jgħarrfu l-intenzjoni tagħhom permezz ta' avviż ta' kuntratt.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"2a. L-awtoritajiet/entitajiet kontraenti għandhom jibagħtu avviż ta' għoti ta' kuntratt fi żmien 30 jum wara l-għoti ta' kull kuntratt ibbażat fuq sistema dinamika ta' xiri. Madankollu, huma jistgħu jiġbru tali avviżi flimkien fuq bażi trimestrali. F'dak il-każ, għandhom jibagħtu l-avviżi miġbura flimkien fi żmien 30 jum minn tmiem kull trimestru.";

(14) l-Artikolu 33 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Fil-proċeduri ristretti, il-proċeduri nnegozjati bil-pubblikazzjoni ta' avviż ta' kuntratt, l-użu ta' djalogu kompetittiv u l-użu ta' sħubija għall-innovazzjoni, il-limitu ta' żmien minimu għall-wasla tat-talbiet għal parteċipazzjoni għandu jkun ta' 37 jum mid-data li fiha jintbagħat l-avviż ta' kuntratt.

Fil-proċeduri ristretti, il-limitu ta' żmien minimu għall-wasla tal-offerti għandu jkun ta' 40 jum mid-data li fiha tintbagħat l-istedina u fil-każ ta' proċeduri miftuħa, il-limitu ta' żmien minimu għall-wasla tal-offerti għandu jkun ta' 35 jum mid-data li fiha jintbagħat l-avviż ta' kuntratt.";

(b) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"7. Fil-każ ta' proċeduri miftuħa, proċeduri ristretti u proċeduri nnegozjati bil-pubblikazzjoni ta' avviż ta' kuntratt, fejn l-urġenza tirrendi impraktikabbli l-limiti ta' żmien minimi stabbiliti f'dan l-Artikolu, l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti jistgħu jiffissaw:

(a) limitu ta' żmien għall-wasla tat-talbiet għall-parteċipazzjoni li ma għandux ikun inqas minn 15-il jum mid-data li fiha jintbagħat l-avviż ta' kuntratt, jew inqas minn 10 ijiem jekk l-avviż jintbagħat b'mezzi elettroniċi, f'konformità mal-format u l-proċeduri ta' trażmissjoni tal-avviżi stabbiliti fil-punt 3 tal-Anness VI;

(b) fil-każ ta' proċeduri ristretti, limitu ta' żmien għall-wasla tal-offerti li ma għandux ikun inqas minn 10 ijiem mid-data li fiha tintbagħat l-istedina għall-offerti; u

(c) fil-każ ta' proċeduri miftuħa, limitu ta' żmien għall-wasla tal-offerti li ma għandux ikun inqas minn 15-il jum mid-data li fiha jintbagħat l-avviż ta' kuntratt, jew inqas minn 10 ijiem jekk l-avviż jintbagħat b'mezzi elettroniċi, f'konformità mal-format u l-proċeduri ta' trażmissjoni tal-avviżi stabbiliti fil-punt 3 tal-Anness VI.";

(15) fl-Artikolu 34, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Fil-proċeduri ristretti, il-proċeduri nnegozjati bil-pubblikazzjoni ta' avviż ta' kuntratt, id-djalogi kompetittivi u s-sħubijiet għall-innovazzjoni, l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti għandhom simultanjament u bil-miktub jistiednu lill-kandidati magħżula biex jippreżentaw l-offerti tagħhom jew biex jinnegozjaw, jew, fil-każ ta' djalogu kompetittiv, biex jieħdu sehem fid-djalogu, jew, fil-każ ta' sħubija għall-innovazzjoni, biex jipparteċipaw.";

(16) l-Artikolu 35 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-awtoritajiet/entitajiet kontraenti għandhom, mal-ewwel opportunità, jinformaw lill-kandidati u lill-offerenti bid-deċiżjonijiet meħuda dwar l-għoti ta' kuntratt, il-konklużjoni ta' ftehim qafas jew l-ammissjoni għal sistema dinamika ta' xiri, inklużi r-raġunijiet għal kwalunkwe deċiżjoni li ma jagħtux kuntratt, li ma jikkonkludux ftehim qafas li għalih kien hemm sejħa kompetittiva għall-offerti, jew li jibdew il-proċedura mill-ġdid jew li ma jimplimentawx sistema dinamika ta' xiri; dik l-informazzjoni għandha tingħata bil-miktub fuq talba lill-awtoritajiet/entitajiet kontraenti.";

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-awtoritajiet/entitajiet kontraenti jistgħu jiddeċiedu li ma jikkomunikawx ċerta informazzjoni dwar l-għoti ta' kuntratt, il-konklużjoni ta' ftehim qafas jew l-ammissjoni għal sistema dinamika ta' xiri msemmija fil-paragrafu 1 meta l-iżvelar ta' tali informazzjoni jkun ta' ostaklu għall-infurzar tal-liġi jew b'xi mod ieħor imur kontra l-interess pubbliku, b'mod partikolari l-interessi tad-difiża u/jew tas-sigurtà, ikun ta' ħsara għall-interessi kummerċjali leġittimi ta' operaturi ekonomiċi kemm pubbliċi kif ukoll privati, jew jista' jippreġudika l-kompetizzjoni ġusta bejniethom.";

(17) l-Artikolu 38 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 3, il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"3. Fil-proċeduri ristretti, il-proċeduri nnegozjati bil-pubblikazzjoni ta' avviż ta' kuntratt, id-djalogi kompetittivi u s-sħubijiet għall-innovazzjoni, l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti jistgħu jirrestrinġu n-numru ta' kandidati idonei li se jistiednu biex jippreżentaw offerta jew li magħhom se jiddjalogaw, jew, fil-każ ta' sħubija għall-innovazzjoni, li se jistiednu biex jipparteċipaw. F'dan il-każ:";

(b) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Fejn l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti jirrikorru għall-fakultà li jnaqqsu n-numru ta' soluzzjonijiet li għandhom jiġu diskussi jew ta' offerti li għandhom jiġu nnegozjati, kif previst fl-Artikolu 26(3), fl-Artikolu 27(4) u fl-Artikolu 27a(2) u (5), għandhom jagħmlu dan billi japplikaw il-kriterji tal-għoti indikati fl-avviż ta' kuntratt jew fid-dokumenti tal-kuntratt. Fil-fażi finali, in-numru deċiż għandu jippermetti li tkun żgurata kompetizzjoni ġenwina sa fejn ikun hemm biżżejjed soluzzjonijiet jew kandidati idonei.";

(18) fl-Artikolu 42, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"7. Fil-każ ta' kuntratti ta' xogħlijiet, kuntratti ta' servizzi u operazzjonijiet ta' tqegħid fil-post jew ta' installazzjoni fil-kuntest ta' kuntratt ta' provvista, l-awtoritajiet/entitajiet kontraenti jistgħu jesiġu li ċerti kompiti kritiċi jitwettqu direttament mill-offerent stess jew, fejn l-offerta tkun ippreżentata minn grupp ta' operaturi ekonomiċi kif imsemmi fl-Artikolu 5(2), minn parteċipant f'dak il-grupp.";

(19) l-Artikolu li ġej jiddaħħal fit-Titolu II, il-Kapitolu VII, it-Taqsima 3:

"*Artikolu 49a*

Modifika ta' kuntratti matul it-terminu tagħhom

1. Il-kuntratti u l-ftehimiet qafas jistgħu jiġu modifikati mingħajr proċedura ta' akkwist ġdida f'konformità ma' din id-Direttiva fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) meta l-modifiki, irrispettivament mill-valur monetarju tagħhom, ikunu ġew previsti fid-dokumenti inizjali tal-akkwist fi klawżoli ta' rieżami ċari, preċiżi u inekwivokabbli, li jistgħu jinkludu klawżoli ta' reviżjoni tal-prezzijiet, jew għażliet. Tali klawżoli għandhom jiddikjaraw l-ambitu u n-natura tal-modifiki jew l-għażliet possibbli kif ukoll il-kundizzjonijiet li fihom jistgħu jintużaw. Ma għandhomx jipprevedu modifiki jew għażliet li jibdlu n-natura ġenerali tal-kuntratt jew tal-ftehim qafas;

(b) għal xogħlijiet, servizzi jew provvisti addizzjonali mill-kuntrattur oriġinali li jkunu saru neċessarji u li ma kinux inklużi fl-akkwist inizjali fejn bidla fil-kuntrattur:

(i) ma tistax issir minħabba raġunijiet ekonomiċi jew tekniċi bħalma huma r-rekwiżiti ta' interkambjabbiltà jew ta' interoperabbiltà ma' tagħmir, servizzi jew installazzjonijiet eżistenti akkwistati fl-akkwist inizjali; u

(ii) tikkawża inkonvenjenza sinifikanti jew duplikazzjoni sostanzjali tal-ispejjeż għall-awtorità/entità kontraenti;

Madankollu, kwalunkwe żieda fil-prezz ma għandhiex taqbeż il-50 % tal-valur tal-kuntratt inizjali. Meta jsiru diversi modifiki suċċessivi, dik il-limitazzjoni għandha tapplika għall-valur ta' kull modifika. Tali modifiki konsekuttivi ma għandhomx ikunu mmirati lejn iċ-ċirkomvenzjoni ta' din id-Direttiva;

(c) meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) il-ħtieġa ta' modifika tkun dovuta għal ċirkostanzi li awtorità/entità kontraenti diliġenti ma setgħetx tipprevedi;

(ii) il-modifika ma tibdilx in-natura ġenerali tal-kuntratt; u

(iii) kwalunkwe żieda fil-prezz ma tkunx ogħla minn 50 % tal-valur tal-kuntratt jew tal-ftehim qafas inizjali. Meta jsiru diversi modifiki suċċessivi, dik il-limitazzjoni għandha tapplika għall-valur ta' kull modifika. Tali modifiki konsekuttivi ma għandhomx ikunu mmirati lejn iċ-ċirkomvenzjoni ta' din id-Direttiva;

(d) meta kuntrattur ġdid jissostitwixxi lil dak li inizjalment kien ingħata l-kuntratt mill-awtorità/entità kontraenti bħala konsegwenza ta' waħda minn dawn:

(i) klawżola ta' rieżami jew għażla inekwivokabbli f'konformità mal-punt (a);

(ii) suċċessjoni universali jew parzjali fil-pożizzjoni tal-kuntrattur inizjali, wara ristrutturar korporattiv, inkluż take-over, fużjoni, akkwiżizzjoni jew insolvenza, ta' operatur ekonomiku ieħor li jissodisfa l-kriterji ta' għażla kwalitattiva stabbiliti inizjalment, dment li dan ma jwassalx għal modifiki sostanzjali oħra għall-kuntratt u ma jkunx immirat lejn iċ-ċirkomvenzjoni tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva; jew

(iii) fil-każ li l-awtorità/entità kontraenti stess tassumi l-obbligi tal-kuntrattur prinċipali fil-konfront tas-subkuntratturi tiegħu meta din il-possibbiltà tkun prevista fil-leġiżlazzjoni nazzjonali skont l-Artikolu 21;

(e) meta l-modifiki, irrispettivament mill-valur tagħhom, ma jkunux sostanzjali skont it-tifsira tal-paragrafu 4.

L-awtoritajiet/entitajiet kontraenti li jkunu mmodifikaw kuntratt fil-każijiet imsemmija fil-punti (b) u (c) ta' dan il-paragrafu għandhom jippubblikaw avviż dwar dan f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Tali avviż għandu jkun fih, *mutatis mutandis*, l-informazzjoni meħtieġa f'avviż ta' għoti ta' kuntratt.

2. Barra minn hekk, u mingħajr l-ebda ħtieġa li jiġi vverifikat jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 4, il-punti (a) sa (d), humiex issodisfati, il-kuntratti jistgħu daqstant ieħor jiġu mmodifikati mingħajr ma tkun meħtieġa proċedura ta' akkwist ġdida f'konformità ma' din id-Direttiva meta l-valur tal-modifika jkun inqas miż-żewġ valuri li ġejjin:

(a) il-limiti minimi stabbiliti fl-Artikolu 8; u

(b) 10 % tal-valur tal-kuntratt inizjali għall-kuntratti ta' servizzi u ta' provvista u taħt il-15 % tal-valur tal-kuntratt inizjali għall-kuntratti ta' xogħlijiet.

Madankollu, il-modifika ma tistax tibdel in-natura ġenerali tal-kuntratt jew tal-ftehim qafas. Meta jsiru diversi modifiki suċċessivi, il-valur għandu jiġi vvalutat fuq il-bażi tal-valur kumulattiv nett tal-modifiki suċċessivi.

3. Għall-fini tal-kalkolu tal-prezz imsemmi fil-paragrafu 1, il-punti (b) u (c), u l-paragrafu 2, il-prezz aġġornat għandu jkun il-valur ta' referenza meta l-kuntratt ikun jinkludi klawżola ta' indiċjar.

4. Modifika ta' kuntratt jew ta' ftehim qafas matul it-terminu tiegħu għandha titqies bħala sostanzjali skont it-tifsira tal-paragrafu 1, il-punt (e), meta din trendi l-kuntratt jew il-ftehim qafas materjalment differenti fin-natura minn dak inizjalment konkluż. Fi kwalunkwe każ, mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1 u 2, modifika għandha titqies bħala sostanzjali meta tiġi ssodisfata waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-modifika tintroduċi kundizzjonijiet li, kieku kienu parti mill-proċedura ta' akkwist inizjali, kienu jippermettu l-ammissjoni ta' kandidati oħra għajr dawk magħżula inizjalment jew l-aċċettazzjoni ta' offerta oħra għajr dik aċċettata oriġinarjament jew kienu jattiraw parteċipanti addizzjonali fil-proċedura ta' akkwist;

(b) il-modifika tibdel il-bilanċ ekonomiku tal-kuntratt jew tal-ftehim qafas favur il-kuntrattur b'mod li ma kienx previst fil-kuntratt jew fil-ftehim qafas inizjali;

(c) il-modifika testendi l-ambitu tal-kuntratt jew tal-ftehim qafas b'mod konsiderevoli;

(d) meta kuntrattur ġdid jissostitwixxi lil dak li inizjalment kien ingħata l-kuntratt mill-awtorità/entità kontraenti f'każijiet oħra għajr dawk previsti fil-paragrafu 1, il-punt (d).

5. Proċedura ta' akkwist ġdida f'konformità ma' din id-Direttiva għandha tkun meħtieġa għal modifiki oħra tad-dispożizzjonijiet ta' kuntratt jew ftehim qafas matul it-terminu tiegħu għajr dawk previsti fil-paragrafi 1 u 2.";

(20) fl-Artikolu 52(6), it-tielet subparagrafu, "seba' snin" hija sostitwita bi "10 snin";

(21) fl-Artikolu 55, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-proċeduri ta' rieżami previsti f'dan it-Titolu japplikaw għall-kuntratti msemmija fl-Artikolu 2, inklużi ftehimiet qafas u sistemi dinamiċi ta' xiri, soġġetti għall-eċċezzjonijiet previsti fl-Artikoli 12 u 13.";

(22) fl-Artikolu 58, il-punt (c), l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"fil-każ ta' kuntratt ibbażat fuq ftehim qafas kif previst fl-Artikolu 29 u fil-każ ta' kuntratt ibbażat fuq sistema dinamika ta' xiri kif previst fl-Artikolu 29a.";

(23) fl-Artikolu 60(1), il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) fil-każijiet imsemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 58, il-punt (c), meta l-Istati Membri jkunu invokaw id-deroga mill-perjodu sospensiv għal kuntratti bbażati fuq ftehim qafas jew fuq sistema dinamika ta' xiri.";

(24) l-Artikolu 65 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 65*

Obbligi statistiċi

1. Sabiex jippermettu l-evalwazzjoni tar-riżultati tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni rapport statistiku, imħejji skont l-Artikolu 66, li jindirizza l-kuntratti ta' provvista, ta' servizzi u ta' xogħlijiet mogħtija matul is-sena preċedenti mill-awtoritajiet/entitajiet kontraenti, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru ta' kull sena.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-obbligu stabbilit fih għandu jiġi sospiż temporanjament sal-31 ta' Diċembru 2030, liema data tikkorrispondi għall-perjodu għall-ippjanar tal-prontezza tad-difiża tal-Unjoni.";

(25) Jitħassar l-Artikolu 68;

(26) l-Artikolu 73 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 73*

Rieżami u rapportar

Sal-1 ta' Jannar 2031, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva fl-isfond tat-titjib fil-prontezza tad-difiża tal-Ewropa sal-2030 u tirrapporta dwarha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Hija għandha tevalwa, b'mod partikolari, jekk l-għanijiet ta' din id-Direttiva ġewx miksuba u sa liema punt, fir-rigward, fost l-oħrajn, tal-funzjonament tas-suq intern u l-għan li tittejjeb il-prontezza tad-difiża tal-Ewropa sal-2030. Fir-rapport tagħha, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina speċjalment l-applikazzjoni tal-Artikolu 8 u l-Artikolu 28(2). Fejn xieraq, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva.".

Artikolu 3

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sal-24 ta' Novembru 2027, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni dwar dan.

Huma għandhom japplikaw dawk il-miżuri sal-24 ta' Frar 2028.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom jinkludu dik ir-referenza meta jiġu pubblikati uffiċjalment. Il-metodi kif issir dik ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tal-miżuri ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 4

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 5

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strażburgu, il-21 ta' Ottubru 2026.

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
R. METSOLA	T. DOOLEY

Saret dikjarazzjoni fir-rigward ta' dan l-att li tista' tinstab fil-ĠU C, C/2026/5559, 3.11.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2026/5559/oj.